Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

2023/0210(COD)

4.12.2023

EMENDA
341 - 569

Abbozz ta' rapport
Marek Belka
(PE755.995v01-00)

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-servizzi ta' pagament fis-suq intern u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010

Proposta għal regolament
(COM(2023)0367 – C9-0217/2023 – 2023/0210(COD))

Emenda 341
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Tranżazzjoni ta' pagament jew sensiela ta' tranżazzjonijiet ta' pagament għandhom jiġu awtorizzati biss jekk il-pagatur ikun ta ***l-permess*** tiegħu għall-eżekuzzjoni tat-tranżazzjoni ta' pagament. Tranżazzjoni ta' pagament tista' tiġi awtorizzata mill-pagatur qabel jew, jekk ikun hemm qbil bejn il-pagatur u l-fornitur ta' servizzi ta' pagament li jġestixxi l-kont, wara l-eżekuzzjoni tat-tranżazzjoni ta' pagament.	1. Tranżazzjoni ta' pagament jew sensiela ta' tranżazzjonijiet ta' pagament għandhom jiġu awtorizzati biss jekk il-pagatur ikun ta ***l-kunsens*** tiegħu għall-eżekuzzjoni tat-tranżazzjoni ta' pagament. Tranżazzjoni ta' pagament tista' tiġi awtorizzata mill-pagatur qabel jew, jekk ikun hemm qbil bejn il-pagatur u l-fornitur ta' servizzi ta' pagament li jġestixxi l-kont, wara l-eżekuzzjoni tat-tranżazzjoni ta' pagament. *(Din l-emenda għandha tapplika fit-test kollu.)*

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-leġiżlazzjoni tal-UE rilevanti kollha dwar il-pagamenti tirreferi għat-terminu "kunsens". Dan ma għandux jinbidel mill-proposta l-ġdida biex tiġi żgurata l-konsistenza.

Emenda 342
Claude Gruffat

Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. It-terminu "permess" f'dan ir-Regolament ma għandux jinftiehem bħala t-terminu "kunsens" skont ir-Regolament (UE) 2016/679 li għalih japplikaw ir-rekwiżiti ta' dak ir-Regolament. Il-permess skont dan ir-Regolament jirreferi għall-awtorizzazzjoni mill-utent ta' servizzi ta' pagament għall-eżekuzzjoni ta' tranżazzjoni ta' pagament jew għall-aċċess għal data dwar l-informazzjoni

dwar il-kontijiet. Dan ir-rekwiżit huwa mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/679 u tad-Direttiva 2005/29/KE.

Or. en

Emenda 343
Marek Belka, Paul Tang, René Repasi

Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. L-utent ta' servizzi ta' pagament jista' jirtira l-permess għall-eżekuzzjoni ta' tranżazzjoni ta' pagament jew għall-aċċess għal kont ta' pagament għall-fini ta' servizzi ta' bidu ta' pagament jew ta' servizzi ta' informazzjoni dwar kontijiet ***fi kwalunkwe ħin***. L-utent ta' servizzi ta' pagament jista' jirtira wkoll il-permess għall-eżekuzzjoni ta' sensiela ta' tranżazzjonijiet ta' pagament, f'liema każ kwalunkwe tranżazzjoni ta' pagament futura għandha titqies bħala mhux awtorizzata.	7. L-utent ta' servizzi ta' pagament jista' ***fi kwalunkwe ħin*** jirtira l-permess għall-eżekuzzjoni ta' tranżazzjoni ta' pagament jew għall-aċċess għal kont ta' pagament għall-fini ta' servizzi ta' bidu ta' pagament jew ta' servizzi ta' informazzjoni dwar kontijiet. L-utent ta' servizzi ta' pagament jista' jirtira wkoll il-permess għall-eżekuzzjoni ta' sensiela ta' tranżazzjonijiet ta' pagament, f'liema każ kwalunkwe tranżazzjoni ta' pagament futura għandha titqies bħala mhux awtorizzata.

Or. en

Emenda 344
Ondřej Kovařík

Proposta għal regolament
Artikolu 50 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Diskrepanzi bejn l-isem u l-identifikatur uniku ta' benefiċjarju f'każ ta' trasferimenti ta' kreditu	Diskrepanzi bejn l-isem ***jew identifikatur ieħor*** u l-identifikatur uniku ta' benefiċjarju f'każ ta' trasferimenti ta' kreditu

Or. en

Emenda 345
Ondřej Kovařík

Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Fil-każ ta' trasferimenti ta' kreditu, il-fornitur ta' servizzi ta' pagament tal-benefiċjarju għandu, mingħajr ħlas, fuq talba tal-fornitur ta' servizzi ta' pagament tal-pagatur, jivverifika jekk l-identifikatur uniku u l-isem ***tal-benefiċjarju*** kif ipprovduti mill-pagatur jaqblux, u għandu jikkomunika l-eżitu ta' din il-verifika lill-fornitur ta' servizzi ta' pagament tal-pagatur. Fejn l-identifikatur uniku u l-isem ***tal-benefiċjarju*** ma jaqblux, il-fornitur ta' servizzi ta' pagament tal-pagatur għandu jinnotifika lill-pagatur bi kwalunkwe diskrepanza bħal din misjuba u għandu jinforma lill-pagatur bil-grad ta' dik id-diskrepanza.	1. Fil-każ ta' trasferimenti ta' kreditu, il-fornitur ta' servizzi ta' pagament tal-benefiċjarju għandu, mingħajr ħlas, fuq talba tal-fornitur ta' servizzi ta' pagament tal-pagatur, jivverifika jekk l-identifikatur uniku u l-isem ***jew identifikatur ieħor li jista' jidentifika mingħajr ambigwità lill-benefiċjarju, bħal numru fiskali, identifikatur uniku Ewropew kif imsemmi fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva (UE) 2017/1132, jew LEI*** kif ipprovduti mill-pagatur jaqblux, u għandu jikkomunika l-eżitu ta' din il-verifika lill-fornitur ta' servizzi ta' pagament tal-pagatur. Fejn l-identifikatur uniku u l-isem ***jew identifikatur ieħor li jidentifika mingħajr ambigwità lill-benefiċjarju*** ma jaqblux, il-fornitur ta' servizzi ta' pagament tal-pagatur għandu jinnotifika lill-pagatur bi kwalunkwe diskrepanza bħal din misjuba u għandu jinforma lill-pagatur bil-grad ta' dik id-diskrepanza.

Or. en

Emenda 346
Eugen Jurzyca

Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Meta trasferiment ta' kreditu jkun maħsub għal benefiċjarju ta' entità ġuridika, jenħtieġ li l-fornitur ta' servizzi ta' pagament tal-pagatur jippermetti l-użu

	ta' elementi tad-data lil hinn mill-isem. Dan jista' jinkludi l-użu tal-Identifikatur ta' Entità Ġuridika ISO 17442, fejn disponibbli, biex tiżdied is-sigurtà fil-proċess ta' konkordanza tal-identifikazzjoni.

Or. en

Emenda 347
Ondřej Kovařík

Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom jipprovdu s-servizz imsemmi fil-paragrafu 1 immedjatament wara li l-pagatur ikun ipprovda lill-fornitur ta' servizzi ta' pagament tiegħu l-identifikatur uniku u l-isem tal-benefiċjarju, u qabel ma l-pagatur jiġi offrut il-possibbiltà li jawtorizza t-trasferiment ta' kreditu.	2. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom jipprovdu s-servizz imsemmi fil-paragrafu 1 immedjatament wara li l-pagatur ikun ipprovda lill-fornitur ta' servizzi ta' pagament tiegħu l-identifikatur uniku u l-isem ***jew identifikatur ieħor*** tal-benefiċjarju, u qabel ma l-pagatur jiġi offrut il-possibbiltà li jawtorizza t-trasferiment ta' kreditu.

Or. en

Emenda 348
Claude Gruffat

Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom jiżguraw li l-utenti ta' servizzi ta' pagament ikollhom id-dritt li jagħżlu li ma jiġux offruti s-servizz imsemmi fil-paragrafu 1 u għandhom jinfurmaw lill-utenti ta' servizzi ta' pagament tagħhom bil-mezzi biex jesprimu tali dritt ta' esklużjoni	***imħassar***

fakultattiva. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom jiżguraw li l-utenti ta' servizzi ta' pagament li inizjalment ikunu għażlu li ma jirċevux is-servizz imsemmi fil-paragrafu 1, ikollhom id-dritt li jagħżlu li jirċievu dak is-servizz.

Or. en

Emenda 349
Ondřej Kovařík

Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Is-servizz ta' tqabbil imsemmi fil-paragrafu 1 ma għandux ikun meħtieġ meta l-pagatur ma jkunx daħħal huwa stess l-identifikatur uniku u l-isem tal-benefiċjarju.	7. Is-servizz ta' tqabbil imsemmi fil-paragrafu 1 ma għandux ikun meħtieġ meta l-pagatur ma jkunx daħħal huwa stess l-identifikatur uniku u l-isem ***jew identifikatur ieħor*** tal-benefiċjarju.

Or. en

Emenda 350
Ondřej Kovařík

Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 8a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	8a. L-EBA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw ir-rekwiżiti tekniċi tas-sistema żviluppati għall-finijiet ta' kondiviżjoni tal-informazzjoni skont il-paragrafi 1 u 2, b'kont meħud tal-metodi differenti ta' identifikazzjoni użati madwar l-Unjoni.
	Meta tiżviluppa l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu, l-EBA għandha tqis diversi approċċi għall-metodi ta' kondiviżjoni tal-

informazzjoni, inkluż metodi deċentralizzati.

L-EBA għandha tissottometti l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu lill-Kummissjoni sa [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa biex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikoli minn 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

Or. en

Emenda 351
Ondřej Kovařík

Proposta għal regolament
Artikolu 50a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 50a
	L-indirizzar tad-diskriminazzjoni skont l-identifikatur tal-kont ta' pagament abbażi tal-post
	1. Meta pagatur jagħmel trasferiment ta' kreditu lil benefiċjarju li għandu kont ta' pagament li jinsab fl-Unjoni, il-pagatur ma għandux ikollu l-obbligu li jispeċifika l-Istat Membru li fih jinsab dak il-kont ta' pagament, sakemm dak il-kont ta' pagament ikun aċċessibbli.
	2. Meta benefiċjarju jaċċetta trasferiment ta' kreditu jew juża debitu dirett biex jiġbor fondi minn pagatur li jkollu kont ta' pagament li jinsab fl-Unjoni, il-benefiċjarju ma għandux ikollu l-obbligu li jispeċifika l-Istat Membru li fih jinsab dak il-kont ta' pagament, sakemm dak il-kont ta' pagament ikun aċċessibbli.

Or. en

Emenda 352
Claude Gruffat

Proposta għal regolament
Artikolu 51 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Fejn strument ta' pagament speċifiku jintuża għall-finijiet tal-għoti ta' permess, ***il-pagatur u l-fornitur*** ta' servizzi ta' pagament tal-pagatur ***jistgħu jaqblu dwar*** limiti ta' nfiq għal tranżazzjonijiet ta' pagament eżegwiti permezz ta' dak l-istrument ta' pagament. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament ma għandhomx iżidu unilateralment il-limiti ta' nfiq maqbula mal-utenti ta' servizzi ta' pagament tagħhom.	1. Fejn strument ta' pagament speċifiku jintuża għall-finijiet tal-għoti ta' permess, ***il-fornitur*** ta' servizzi ta' pagament tal-pagatur ***għandu joffri lill-utent ta' servizz ta' pagament il-possibbiltà li jistabbilixxi*** limiti ta' nfiq għal tranżazzjonijiet ta' pagament eżegwiti permezz ta' dak l-istrument ta' pagament***. B'mod awtomatiku, il-limiti ta' nfiq għandhom ikunu baxxi***. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament ma għandhomx iżidu unilateralment il-limiti ta' nfiq maqbula mal-utenti ta' servizzi ta' pagament tagħhom. ***L-utenti ta' servizz ta' pagament għandhom ikunu kapaċi jillimitaw l-għażliet ta' kif jistgħu jibdlu l-limitu ta' nfiq tagħhom bil-possibbiltà li jippermettu bidla fil-limiti ta' nfiq, pereżempju fis-siti fiżiċi tal-fornitur ta' servizzi ta' pagament tagħhom biss u l-possibbiltà li tiġi applikata bidla fil-limitu ta' nfiq biss wara li jkun għadda ċertu żmien.***

Or. en

Emenda 353
Ondřej Kovařík

Proposta għal regolament
Artikolu 51 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Fejn strument ta' pagament speċifiku jintuża għall-finijiet tal-għoti ta' permess, il-pagatur u l-fornitur ta' servizzi ta' pagament tal-pagatur jistgħu jaqblu	1. Fejn strument ta' pagament speċifiku jintuża għall-finijiet tal-għoti ta' permess, il-pagatur u l-fornitur ta' servizzi ta' pagament tal-pagatur jistgħu jaqblu

dwar limiti ta’ nfiq għal tranżazzjonijiet ta’ pagament eżegwiti permezz ta’ dak l-istrument ta’ pagament. Il-fornituri ta’ servizzi ta’ pagament ma għandhomx iżidu unilateralment il-limiti ta’ nfiq maqbula mal-utenti ta’ servizzi ta’ pagament tagħhom.	dwar limiti ta’ nfiq ***ġusti u proporzjonati*** għal tranżazzjonijiet ta’ pagament eżegwiti permezz ta’ dak l-istrument ta’ pagament. Il-fornituri ta’ servizzi ta’ pagament ma għandhomx iżidu unilateralment il-limiti ta’ nfiq maqbula mal-utenti ta’ servizzi ta’ pagament tagħhom.

Or. en

Emenda 354
Lídia Pereira

Proposta għal regolament
Artikolu 51 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Fejn strument ta’ pagament speċifiku jintuża għall-finijiet tal-għoti ta’ permess, il-pagatur u l-fornitur ta’ servizzi ta’ pagament tal-pagatur jistgħu jaqblu dwar limiti ta’ nfiq għal tranżazzjonijiet ta’ pagament eżegwiti permezz ta’ dak l-istrument ta’ pagament. Il-fornituri ta’ servizzi ta’ pagament ma għandhomx ***iżidu*** unilateralment il-limiti ta’ nfiq maqbula mal-utenti ta’ servizzi ta’ pagament tagħhom.	1. Fejn strument ta’ pagament speċifiku jintuża għall-finijiet tal-għoti ta’ permess, il-pagatur u l-fornitur ta’ servizzi ta’ pagament tal-pagatur jistgħu jaqblu dwar limiti ta’ nfiq għal tranżazzjonijiet ta’ pagament eżegwiti permezz ta’ dak l-istrument ta’ pagament. Il-fornituri ta’ servizzi ta’ pagament ma għandhomx ***ibiddlu*** unilateralment il-limiti ta’ nfiq maqbula mal-utenti ta’ servizzi ta’ pagament tagħhom.

Or. en

Emenda 355
Claude Gruffat

Proposta għal regolament
Artikolu 51 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***Jekk ikun maqbul fil-kuntratt qafas,*** il-fornitur ta’ servizzi ta’ pagament ***jista’ jirriżerva d-dritt li*** jimblokka l-istrument ta’ pagament ***għal raġunijiet*** oġġettivament ġustifikati relatati mas-	2. Il-fornitur ta’ servizzi ta’ pagament ***għandu*** jimblokka l-istrument ta’ pagament ***fil-każ ta’ riskji*** oġġettivament ġustifikati relatati mas-sigurtà tal-istrument ta’ pagament, is-suspett ta’ użu mhux

sigurtà tal-istrument ta' pagament, is-suspett ta' użu mhux awtorizzat jew frodulenti tal-istrument ta' pagament jew, fil-każ ta' strument ta' pagament b'linja ta' kreditu, żieda sinifikanti fir-riskju li l-pagatur jista' ma jkunx kapaċi jissodisfa r-responsabbiltà tiegħu li jħallas.	awtorizzat jew frodulenti tal-istrument ta' pagament jew, fil-każ ta' strument ta' pagament b'linja ta' kreditu, żieda sinifikanti fir-riskju li l-pagatur jista' ma jkunx kapaċi jissodisfa r-responsabbiltà tiegħu li jħallas. ***Fejn ma jsirx tali imblukkar minkejja raġunijiet raġonevoli biex jissuspetta frodi, il-pagatur ma għandu jġorr l-ebda konsegwenza finanzjarja, ħlief meta l-pagatur ikun aġixxa b'mod frodulenti.***

Or. en

Emenda 356
Claude Gruffat

Proposta għal regolament
Artikolu 51 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. L-oneru tal-provi għandu jaqa' fuq il-fornitur ta' servizzi ta' pagament biex jagħti prova li kkonforma mar-rekwiżiti ta' dan l-Artikolu.

Or. en

Emenda 357
José Manuel García-Margallo y Marfil

Proposta għal regolament
Artikolu 52 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jinforma lill-fornitur ta' servizzi ta' pagament, jew lill-entità speċifikata mill-fornitur ta' servizzi ta' pagament, mingħajr dewmien bla bżonn malli jsir jaf bit-telf, is-serq, il-miżappropriazzjoni jew l-użu mhux awtorizzat tal-istrument ta' pagament.	(b) jinforma lill-fornitur ta' servizzi ta' pagament, jew lill-entità speċifikata mill-fornitur ta' servizzi ta' pagament, mingħajr dewmien bla bżonn malli jsir jaf bit-telf, is-serq, il-miżappropriazzjoni jew l-użu mhux awtorizzat tal-istrument ta' pagament ***u/jew il-kredenzjali personalizzati ta' sigurtà***

tiegħu.

Or. en

Emenda 358
Claude Gruffat

Proposta għal regolament
Artikolu 53 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) jiżgura li jkunu disponibbli mezzi xierqa f'kull ħin biex l-utent ta' servizzi ta' pagament ikun jista' jagħmel notifika skont l-Artikolu 52(b), jew jitlob l-iżblokkar tal-istrument ta' pagament skont l-Artikolu 51(4);	(c) jiżgura li jkunu disponibbli mezzi xierqa***, inkluż linji tat-telefon mingħajr ħlas li jippermettu appoġġ uman personali kkwalifikat mingħajr identifikazzjoni minn qabel u bil-lingwa uffiċjali tal-Istat Membru ospitanti*** f'kull ħin biex l-utent ta' servizzi ta' pagament ikun jista' ***(i)*** jagħmel notifika skont l-Artikolu 52(b), jew jitlob l-iżblokkar tal-istrument ta' pagament skont l-Artikolu 51(4); ***(ii) jagħmel notifika dwar tranżazzjoni frodulenti;*** ***(iii) jirċievi parir ikkwalifikat meta jissuspetta li huwa vittma ta' attakk ta' frodi.***

Or. en

Emenda 359
Marek Belka, Paul Tang, René Repasi

Proposta għal regolament
Artikolu 53 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) jiżgura li jkunu disponibbli mezzi xierqa f'kull ħin biex l-utent ta' servizzi ta' pagament ikun jista' jagħmel notifika skont l-Artikolu 52(b), jew jitlob l-iżblokkar tal-istrument ta' pagament skont l-Artikolu	(c) jiżgura li jkunu disponibbli mezzi xierqa***, inkluż linja tat-telefon mingħajr ħlas li tippermetti appoġġ uman personali bil-lingwa uffiċjali tal-Istat Membru ospitanti,*** f'kull ħin biex l-utent ta' servizzi

51(4);	ta' pagament ikun jista'***:***
	(i) jagħmel notifika skont l-Artikolu 52(b), jew jitlob l-iżblokkar tal-istrument ta' pagament skont l-Artikolu 51(4);
	(ii) jinnotifika tranżazzjoni frodulenti;;
	(iii) jirċievi feedback meta l-utent ta' servizz ta' pagament jissuspetta frodi;
	(iv) jinnotifika dwar problemi rigward pagamenti mwettqa, bħal żbalji tal-magni ta' pagament matul il-pagamenti.

Or. en

Emenda 360
Claude Gruffat

Proposta għal regolament
Artikolu 53 – paragrafu 1 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(fa) iżomm lura milli juża mudelli ta' komunikazzjoni mhux sikuri, bħal links jew dokumenti mibgħuta b'email.

Or. en

Emenda 361
Claude Gruffat

Proposta għal regolament
Artikolu 53 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Fejn il-fornitur ta' servizzi ta' pagament tal-pagatur ma jikkonformax mal-obbligi stabbiliti f'dan l-Artikolu, il-pagatur ma għandu jġorr l-ebda telf finanzjarju sakemm il-pagatur ma jkunx aġixxa b'mod frodulenti.

Or. en

Emenda 362
Claude Gruffat

Proposta għal regolament
Artikolu 53 – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2b. L-oneru tal-provi għandu jaqa' fuq il-fornituri ta' servizzi ta' pagament biex jagħtu prova li kkonformaw mar-rekwiżiti ta' dan l-Artikolu.

Or. en

Emenda 363
Lídia Pereira

Proposta għal regolament
Artikolu 54 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-fornitur ta' servizzi ta' pagament għandu jirrettifika biss kwalunkwe tranżazzjoni ta' pagament mhux awtorizzata, eżegwita b'mod mhux korrett jew tranżazzjoni ta' pagament awtorizzata fejn l-utent ta' servizzi ta' pagament jinnotifika lill-fornitur ta' servizzi ta' pagament f'konformità mal-Artikoli 57 u 59 mingħajr dewmien bla bżonn wara li jsir jaf bi kwalunkwe tranżazzjoni bħal din li twassal għal pretensjoni, inkluża pretensjoni skont l-Artikolu 75, u mhux aktar tard minn ***13-il*** xahar wara d-data tad-debitu.	Il-fornitur ta' servizzi ta' pagament għandu jirrettifika biss kwalunkwe tranżazzjoni ta' pagament mhux awtorizzata, eżegwita b'mod mhux korrett jew tranżazzjoni ta' pagament awtorizzata fejn l-utent ta' servizzi ta' pagament jinnotifika lill-fornitur ta' servizzi ta' pagament f'konformità mal-Artikoli 57 u 59 mingħajr dewmien bla bżonn wara li jsir jaf bi kwalunkwe tranżazzjoni bħal din li twassal għal pretensjoni, inkluża pretensjoni skont l-Artikolu 75, u mhux aktar tard minn ***18-il*** xahar wara d-data tad-debitu.

Or. en

Emenda 364
Eugen Jurzyca

Proposta għal regolament
Artikolu 55 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Evidenza dwar ***l-awtorizzazzjoni*** u l-eżekuzzjoni ta' tranżazzjonijiet ta' pagament	Evidenza dwar ***l-awtentikazzjoni*** u l-eżekuzzjoni ta' tranżazzjonijiet ta' pagament

Or. en

Emenda 365
Bogdan Rzońca

Proposta għal regolament
Artikolu 55 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fejn utent ta' servizzi ta' pagament jiċħad li jkun awtorizza tranżazzjoni ta' pagament eżegwita jew isostni li t-tranżazzjoni ta' pagament ma ġietx eżegwita b'mod korrett, l-oneru għandu jkun fuq il-fornitur ta' servizzi ta' pagament biex jagħti prova li t-tranżazzjoni ta' pagament ***kienet*** awtorizzata, ġiet irreġistrata b'mod akkurat, daħlet fil-kontijiet u ma kinitx affettwata minn problema teknika jew xi nuqqas ieħor tas-servizz ipprovdut mill-fornitur ta' servizzi ta' pagament.	Fejn utent ta' servizzi ta' pagament jiċħad li jkun awtorizza tranżazzjoni ta' pagament eżegwita jew isostni li t-tranżazzjoni ta' pagament ma ġietx eżegwita b'mod korrett, l-oneru għandu jkun fuq il-fornitur ta' servizzi ta' pagament biex jagħti prova li t-tranżazzjoni ta' pagament ***kienet segwita wara awtentikazzjoni u*** awtorizzata, ġiet irreġistrata b'mod akkurat, daħlet fil-kontijiet u ma kinitx affettwata minn problema teknika jew xi nuqqas ieħor tas-servizz ipprovdut mill-fornitur ta' servizzi ta' pagament. ***Sakemm evidenza oħra ma tiġix miġbura u evalwata kif xieraq, il-fornitur ta' servizzi ta' pagament huwa intitolat li jittratta t-tranżazzjoni bħala awtorizzata u mwettqa b'mod korrett.***

Or. en

Emenda 366
Eugen Jurzyca

Proposta għal regolament
Artikolu 55 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fejn utent ta’ servizzi ta’ pagament jiċħad li jkun awtorizza tranżazzjoni ta’ pagament eżegwita jew isostni li t-tranżazzjoni ta’ pagament ma ġietx eżegwita b’mod korrett, l-oneru għandu jkun fuq il-fornitur ta’ servizzi ta’ pagament biex jagħti prova li t-tranżazzjoni ta’ pagament ***kienet awtorizzata***, ġiet irreġistrata b’mod akkurat, daħlet fil-kontijiet u ma kinitx affettwata minn problema teknika jew xi nuqqas ieħor tas-servizz ipprovdut mill-fornitur ta’ servizzi ta’ pagament.	Fejn utent ta’ servizzi ta’ pagament jiċħad li jkun awtorizza tranżazzjoni ta’ pagament eżegwita jew isostni li t-tranżazzjoni ta’ pagament ma ġietx eżegwita b’mod korrett, l-oneru għandu jkun fuq il-fornitur ta’ servizzi ta’ pagament biex jagħti prova li t-tranżazzjoni ta’ pagament ***segwiet l-awtentikazzjoni meħtieġa u***, ġiet irreġistrata b’mod akkurat, daħlet fil-kontijiet u ma kinitx affettwata minn problema teknika jew xi nuqqas ieħor tas-servizz ipprovdut mill-fornitur ta’ servizzi ta’ pagament. ***Sakemm evidenza oħra ma tiġix miġbura u evalwata kif xieraq, il-fornitur ta’ servizzi ta’ pagament huwa intitolat li jittratta t-tranżazzjoni bħala awtorizzata u mwettqa b’mod korrett.***

Or. en

Emenda 367
Lídia Pereira

Proposta għal regolament
Artikolu 55 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fejn utent ta’ servizzi ta’ pagament jiċħad li jkun awtorizza tranżazzjoni ta’ pagament eżegwita jew isostni li t-tranżazzjoni ta’ pagament ma ġietx eżegwita b’mod korrett, l-oneru għandu jkun fuq il-fornitur ta’ servizzi ta’ pagament biex jagħti prova li t-tranżazzjoni ta’ pagament kienet ***awtorizzata***, ġiet irreġistrata b’mod akkurat, daħlet fil-kontijiet u ma kinitx affettwata minn problema teknika jew xi nuqqas ieħor tas-servizz ipprovdut mill-fornitur ta’ servizzi ta’ pagament.	Fejn utent ta’ servizzi ta’ pagament jiċħad li jkun awtorizza tranżazzjoni ta’ pagament eżegwita jew isostni li t-tranżazzjoni ta’ pagament ma ġietx eżegwita b’mod korrett, l-oneru għandu jkun fuq il-fornitur ta’ servizzi ta’ pagament biex jagħti prova li t-tranżazzjoni ta’ pagament kienet ***awtentikata***, ġiet irreġistrata b’mod akkurat, daħlet fil-kontijiet u ma kinitx affettwata minn problema teknika jew xi nuqqas ieħor tas-servizz ipprovdut mill-fornitur ta’ servizzi ta’ pagament.

Or. en

Emenda 368
Eugen Jurzyca

Proposta għal regolament
Artikolu 55 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Jekk it-tranżazzjoni ta' pagament tinbeda permezz ta' fornitur ta' servizzi ta' bidu ta' pagament, l-oneru għandu jkun fuq il-fornitur ta' servizzi ta' bidu ta' pagament biex jagħti prova li fl-isfera ta' kompetenza tiegħu, it-tranżazzjoni ta' pagament ***kienet awtorizzata***, irreġistrata b'mod akkurat u mhux affettwata minn problema teknika jew nuqqas ieħor marbut mas-servizz ta' pagament li tiegħu huwa responsabbli.	Jekk it-tranżazzjoni ta' pagament tinbeda permezz ta' fornitur ta' servizzi ta' bidu ta' pagament, l-oneru għandu jkun fuq il-fornitur ta' servizzi ta' bidu ta' pagament biex jagħti prova li fl-isfera ta' kompetenza tiegħu, it-tranżazzjoni ta' pagament ***segwiet l-awtentikazzjoni meħtieġa u kienet awtentikata***, irreġistrata b'mod akkurat u mhux affettwata minn problema teknika jew nuqqas ieħor marbut mas-servizz ta' pagament li tiegħu huwa responsabbli. ***Sakemm evidenza oħra ma tiġix miġbura u evalwata kif xieraq, il-fornitur ta' servizzi ta' pagament huwa intitolat li jittratta t-tranżazzjoni bħala awtorizzata u mwettqa b'mod korrett.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-test oriġinali tal-leġiżlazzjoni kien se jipprevjeni l-opportunità li jiġi vvalutat b'mod oġġettiv jekk il-klijent paganti tax kunsens għat-tranżazzjoni. Jekk il-klijent jikkontesta t-tranżazzjoni, l-istituzzjoni ta' kreditu mhux se tkun kapaċi tirrifjuta l-pretensjoni b'mod oġġettiv.

Emenda 369
Bogdan Rzońca

Proposta għal regolament
Artikolu 55 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Jekk it-tranżazzjoni ta' pagament tinbeda permezz ta' fornitur ta' servizzi ta' bidu ta' pagament, l-oneru għandu jkun fuq il-fornitur ta' servizzi ta' bidu ta' pagament biex jagħti prova li fl-isfera ta' kompetenza	Jekk it-tranżazzjoni ta' pagament tinbeda permezz ta' fornitur ta' servizzi ta' bidu ta' pagament, l-oneru għandu jkun fuq il-fornitur ta' servizzi ta' bidu ta' pagament biex jagħti prova li fl-isfera ta' kompetenza

tiegħu, it-tranżazzjoni ta' pagament kienet ***awtorizzata,*** irreġistrata b'mod akkurat u mhux affettwata minn problema teknika jew nuqqas ieħor marbut mas-servizz ta' pagament li tiegħu huwa responsabbli.	tiegħu, it-tranżazzjoni ta' pagament ***segwiet l-awtentikazzjoni meħtieġa u*** kienet irreġistrata b'mod akkurat u mhux affettwata minn problema teknika jew nuqqas ieħor marbut mas-servizz ta' pagament li tiegħu huwa responsabbli. ***Sakemm evidenza oħra ma tiġix miġbura u evalwata kif xieraq, il-fornitur ta' servizzi ta' pagament huwa intitolat li jittratta t-tranżazzjoni bħala awtorizzata u mwettqa b'mod korrett.***

Or. en

Emenda 370
Lídia Pereira

Proposta għal regolament
Artikolu 55 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Jekk it-tranżazzjoni ta' pagament tinbeda permezz ta' fornitur ta' servizzi ta' bidu ta' pagament, l-oneru għandu jkun fuq il-fornitur ta' servizzi ta' bidu ta' pagament biex jagħti prova li fl-isfera ta' kompetenza tiegħu, it-tranżazzjoni ta' pagament kienet ***awtorizzata***, irreġistrata b'mod akkurat u mhux affettwata minn problema teknika jew nuqqas ieħor marbut mas-servizz ta' pagament li tiegħu huwa responsabbli.	Jekk it-tranżazzjoni ta' pagament tinbeda permezz ta' fornitur ta' servizzi ta' bidu ta' pagament, l-oneru għandu jkun fuq il-fornitur ta' servizzi ta' bidu ta' pagament biex jagħti prova li fl-isfera ta' kompetenza tiegħu, it-tranżazzjoni ta' pagament kienet ***awtentikata***, irreġistrata b'mod akkurat u mhux affettwata minn problema teknika jew nuqqas ieħor marbut mas-servizz ta' pagament li tiegħu huwa responsabbli.

Or. en

Emenda 371
Claude Gruffat

Proposta għal regolament
Artikolu 55 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Fejn utent ta' servizzi ta' pagament jiċħad li jkun awtorizza tranżazzjoni ta'	2. Fejn utent ta' servizzi ta' pagament jiċħad li jkun awtorizza tranżazzjoni ta'

pagament eżegwita, l-użu ta’ strument ta’ pagament irreġistrat mill-fornitur ta’ servizzi ta’ pagament, inkluż il-fornitur ta’ servizzi ta’ bidu ta’ pagament kif ikun xieraq, ma għandux fih innifsu jkun suffiċjenti biex jipprova jew li t-tranżazzjoni ta’ pagament kienet awtorizzata mill-pagatur jew li l-pagatur aġixxa b’mod frodulenti jew naqas b’intenzjoni jew b’negliġenza serja milli jissodisfa wieħed jew aktar mill-obbligi skont l-Artikolu 52. Il-fornitur ta’ servizzi ta’ pagament, inkluż, fejn ikun xieraq, il-fornitur ta’ servizzi ta’ bidu ta’ pagament, għandu jipprovdi evidenza ta’ sostenn biex jagħti prova ta’ frodi jew negliġenza serja min-naħa tal-utent ta’ servizzi ta’ pagament.	pagament eżegwita, l-użu ta’ strument ta’ pagament irreġistrat mill-fornitur ta’ servizzi ta’ pagament, inkluż il-fornitur ta’ servizzi ta’ bidu ta’ pagament kif ikun xieraq***, u l-użu tal-kredenzjali personalizzati ta’ sigurtà tal-pagatur biex jiġi awtentikat pagament, inkluż fejn rilevanti, l-applikazzjoni ta’ awtentikazzjoni qawwija tal-klijent***, ma għandux fih innifsu jkun suffiċjenti biex jipprova jew li t-tranżazzjoni ta’ pagament kienet awtorizzata mill-pagatur jew li l-pagatur aġixxa b’mod frodulenti jew naqas b’intenzjoni jew b’negliġenza serja milli jissodisfa wieħed jew aktar mill-obbligi skont l-Artikolu 52. Il-fornitur ta’ servizzi ta’ pagament, inkluż, fejn ikun xieraq, il-fornitur ta’ servizzi ta’ bidu ta’ pagament, għandu jipprovdi evidenza ta’ sostenn biex jagħti prova ta’ frodi jew negliġenza serja min-naħa tal-utent ta’ servizzi ta’ pagament.
	Or. en

Emenda 372
Eugen Jurzyca

Proposta għal regolament
Artikolu 55 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Fejn utent ta’ servizzi ta’ pagament jiċħad li jkun awtorizza tranżazzjoni ta’ pagament eżegwita, l-użu ta’ strument ta’ pagament irreġistrat mill-fornitur ta’ servizzi ta’ pagament, inkluż il-fornitur ta’ servizzi ta’ bidu ta’ pagament kif ikun xieraq, ma għandux fih innifsu jkun suffiċjenti biex jipprova jew li t-tranżazzjoni ta’ pagament kienet ***awtorizzata*** mill-pagatur jew li l-pagatur aġixxa b’mod frodulenti jew naqas b’intenzjoni jew b’negliġenza serja milli jissodisfa wieħed jew aktar mill-obbligi skont l-Artikolu 52. Il-fornitur ta’ servizzi	2. Fejn utent ta’ servizzi ta’ pagament jiċħad li jkun awtorizza tranżazzjoni ta’ pagament eżegwita, l-użu ta’ strument ta’ pagament irreġistrat mill-fornitur ta’ servizzi ta’ pagament, inkluż il-fornitur ta’ servizzi ta’ bidu ta’ pagament kif ikun xieraq, ma għandux fih innifsu jkun ***neċessarjament*** suffiċjenti biex jipprova jew li t-tranżazzjoni ta’ pagament kienet ***awtentikata*** mill-pagatur jew li l-pagatur aġixxa b’mod frodulenti jew naqas b’intenzjoni jew b’negliġenza serja milli jissodisfa wieħed jew aktar mill-obbligi skont l-Artikolu 52. Il-fornitur ta’ servizzi

ta’ pagament, inkluż, fejn ikun xieraq, il-fornitur ta’ servizzi ta’ bidu ta’ pagament, għandu jipprovdi evidenza ta’ sostenn biex jagħti prova ta’ frodi jew negliġenza serja min-naħa tal-utent ta’ servizzi ta’ pagament.	ta’ pagament, inkluż, fejn ikun xieraq, il-fornitur ta’ servizzi ta’ bidu ta’ pagament, għandu jipprovdi evidenza ta’ sostenn biex jagħti prova ta’ frodi jew negliġenza serja min-naħa tal-utent ta’ servizzi ta’ pagament.

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-test oriġinali jista’ jirriżulta fl-impożizzjoni awtomatika ta’ responsabbiltà fuq il-forniturі ta’ servizzi ta’ pagament għal ċerti tipi ta’ tranżazzjonijiet ta’ pagament, bħal tranżazzjonijiet pass-through rapidi.

Emenda 373
Bogdan Rzońca

Proposta għal regolament
Artikolu 55 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Fejn utent ta’ servizzi ta’ pagament jiċħad li jkun awtorizza tranżazzjoni ta’ pagament eżegwita, l-użu ta’ strument ta’ pagament irreġistrat mill-fornitur ta’ servizzi ta’ pagament, inkluż il-fornitur ta’ servizzi ta’ bidu ta’ pagament kif ikun xieraq, ma għandux fih innifsu jkun suffiċjenti biex jipprova jew li t-tranżazzjoni ta’ pagament kienet awtorizzata mill-pagatur jew li l-pagatur aġixxa b’mod frodulenti jew naqas b’intenzjoni jew b’negliġenza serja milli jissodisfa wieħed jew aktar mill-obbligi skont l-Artikolu 52. Il-fornitur ta’ servizzi ta’ pagament, inkluż, fejn ikun xieraq, il-fornitur ta’ servizzi ta’ bidu ta’ pagament, għandu jipprovdi evidenza ta’ sostenn biex jagħti prova ta’ frodi jew negliġenza serja min-naħa tal-utent ta’ servizzi ta’ pagament.	2. Fejn utent ta’ servizzi ta’ pagament jiċħad li jkun awtorizza tranżazzjoni ta’ pagament eżegwita, l-użu ta’ strument ta’ pagament irreġistrat mill-fornitur ta’ servizzi ta’ pagament, inkluż il-fornitur ta’ servizzi ta’ bidu ta’ pagament kif ikun xieraq, ma għandux fih innifsu jkun ***neċessarjament*** suffiċjenti biex jipprova jew li t-tranżazzjoni ta’ pagament kienet awtorizzata mill-pagatur jew li l-pagatur aġixxa b’mod frodulenti jew naqas b’intenzjoni jew b’negliġenza serja milli jissodisfa wieħed jew aktar mill-obbligi skont l-Artikolu 52. Il-fornitur ta’ servizzi ta’ pagament, inkluż, fejn ikun xieraq, il-fornitur ta’ servizzi ta’ bidu ta’ pagament, għandu jipprovdi evidenza ta’ sostenn biex jagħti prova ta’ frodi jew negliġenza serja min-naħa tal-utent ta’ servizzi ta’ pagament.

Or. en

Emenda 374
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Artikolu 56 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 54, fil-każ ta' tranżazzjoni ta' pagament mhux awtorizzata, il-fornitur ta' servizzi ta' pagament tal-pagatur għandu jirrifondi lill-pagatur l-ammont tat-tranżazzjoni ta' pagament mhux awtorizzata immedjatament, u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard minn tmiem il-jum ta' negozju li jmiss, wara li jkun innota jew ġie nnotifikat bit-tranżazzjoni mhux awtorizzata, ħlief fejn il-fornitur ta' servizzi ta' pagament tal-pagatur ikollu raġunijiet raġonevoli biex jissuspetta frodi mwettqa mill-pagatur u jikkomunika bil-miktub dawk ir-raġunijiet lill-awtorità nazzjonali rilevanti.	1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 54, fil-każ ta' tranżazzjoni ta' pagament mhux awtorizzata, il-fornitur ta' servizzi ta' pagament tal-pagatur għandu jirrifondi lill-pagatur l-ammont tat-tranżazzjoni ta' pagament mhux awtorizzata immedjatament, u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard minn tmiem il-jum ta' negozju li jmiss, wara li jkun innota jew ġie nnotifikat bit-tranżazzjoni mhux awtorizzata, ħlief fejn il-fornitur ta' servizzi ta' pagament tal-pagatur ikollu raġunijiet raġonevoli biex jissuspetta ***negliġenza serja jew*** frodi mwettqa mill-pagatur u jikkomunika bil-miktub dawk ir-raġunijiet lill-awtorità nazzjonali rilevanti.

Or. en

Emenda 375
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Artikolu 56 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Fejn il-fornitur ta' servizzi ta' pagament tal-pagatur kellu raġunijiet raġonevoli biex jissuspetta frodi mwettqa mill-pagatur, il-fornitur ta' servizzi ta' pagament tal-pagatur għandu, fi żmien ***10 ijiem*** ta' negozju wara li jinnota jew jiġi nnotifikat bit-tranżazzjoni, jagħmel waħda minn dawn li ġejjin:	2. Fejn il-fornitur ta' servizzi ta' pagament tal-pagatur kellu raġunijiet raġonevoli biex jissuspetta ***negliġenza serja jew*** frodi mwettqa mill-pagatur, il-fornitur ta' servizzi ta' pagament tal-pagatur għandu, fi żmien ***15-il jum*** ta' negozju wara li jinnota jew jiġi nnotifikat bit-tranżazzjoni, jagħmel waħda minn dawn li ġejjin:

Or. en

Emenda 376
Lídia Pereira

Proposta għal regolament
Artikolu 56 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Fejn il-fornitur ta' servizzi ta' pagament tal-pagatur kellu raġunijiet raġonevoli biex jissuspetta frodi mwettqa mill-pagatur, il-fornitur ta' servizzi ta' pagament tal-pagatur għandu, fi żmien ***10 ijiem*** ta' negozju wara li jinnota jew jiġi nnotifikat bit-tranżazzjoni, jagħmel waħda minn dawn li ġejjin:	2. Fejn il-fornitur ta' servizzi ta' pagament tal-pagatur kellu raġunijiet raġonevoli biex jissuspetta frodi mwettqa mill-pagatur, il-fornitur ta' servizzi ta' pagament tal-pagatur għandu, fi żmien ***20 jum*** ta' negozju wara li jinnota jew jiġi nnotifikat bit-tranżazzjoni, jagħmel waħda minn dawn li ġejjin:

Or. en

Emenda 377
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Artikolu 56 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jirrifondi lill-pagatur l-ammont tat-tranżazzjoni ta' pagament mhux awtorizzata jekk il-fornitur ta' servizzi ta' pagament tal-pagatur ikun ikkonkluda, wara investigazzjoni ulterjuri, li ma tkun twettqet l-ebda frodi mill-pagatur;	(a) jirrifondi lill-pagatur l-ammont tat-tranżazzjoni ta' pagament mhux awtorizzata jekk il-fornitur ta' servizzi ta' pagament tal-pagatur ikun ikkonkluda, wara investigazzjoni ulterjuri, li ma tkun twettqet l-ebda ***negliġenza serja jew*** frodi mill-pagatur;

Or. en

Emenda 378
Claude Gruffat

Proposta għal regolament
Artikolu 56 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jipprovdi ġustifikazzjoni għar-rifjut tar-rimborż u jindika l-korpi li lilhom il-pagatur jista' jirreferi l-kwistjoni f'konformità mal-Artikoli 90, 91, 93, 94 u 95 jekk il-pagatur ma jaċċettax ir-raġunijiet ipprovduti.	(b) jipprovdi ***evidenza lill-awtorità nazzjonali rilevanti f'ġustifikazzjoni bil-miktub li l-pagatur aġixxa b'mod frodulenti, u jipprovdi lill-pagatur*** ġustifikazzjoni ***sostanzjata*** għar-rifjut tar-rimborż u jindika l-korpi li lilhom il-pagatur jista' jirreferi l-kwistjoni f'konformità mal-Artikoli 90, 91, 93, 94 u 95 jekk il-pagatur ma jaċċettax ir-raġunijiet ipprovduti.

Or. en

Emenda 379
Claude Gruffat

Proposta għal regolament
Artikolu 56 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-oneru tal-provi għandu jaqa' fuq il-fornituri ta' servizzi ta' pagament biex jagħtu prova li l-pagatur aġixxa b'mod frodulenti.

Or. en

Emenda 380
Claude Gruffat

Proposta għal regolament
Artikolu 56 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6a. It-tpaċija ta' pretensjonijiet tal-pagatur li jirriżultaw minn dan l-Artikolu mhijiex permessa.

Or. en

Emenda 381
Claude Gruffat

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-pagatur ma għandu jġarrab l-ebda telf finanzjarju għal ebda trasferiment ta' kreditu awtorizzat meta l-fornitur ta' servizzi ta' pagament tal-pagatur ikun naqas, bi ksur tal-Artikolu 50(1), milli jinnotifika lill-pagatur dwar diskrepanza misjuba bejn l-identifikatur uniku u l-isem tal-benefiċjarju pprovdut mill-pagatur.	1. Il-pagatur ma għandu jġarrab l-ebda telf finanzjarju għal ebda trasferiment ta' kreditu awtorizzat meta l-fornitur ta' servizzi ta' pagament tal-pagatur ikun naqas, bi ksur tal-Artikolu 50(1), milli jinnotifika lill-pagatur dwar diskrepanza misjuba bejn l-identifikatur uniku u l-isem tal-benefiċjarju pprovdut mill-pagatur. ***Il-fornitur ta' servizzi ta' pagament tal-pagatur għandu jirrifondi immedjatament lill-pagatur l-ammont tat-telf finanzjarju, u fi kwalunkwe każ, mhux aktar tard mit-tmiem tal-jum ta' negozju sussegwenti, wara li jinnota jew jiġi nnotifikat bit-telf finanzjarju, ħlief fejn il-fornitur ta' servizzi ta' pagament tal-pagatur ikollu raġunijiet raġonevoli biex jissuspetta li ma kienx hemm ksur tal-Artikolu 50(1) u jikkomunika dawk ir-raġunijiet lill-awtorità nazzjonali rilevanti bil-miktub.***

Or. en

Emenda 382
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Fi żmien ***10 ijiem*** ta' negozju wara li jinnota jew jiġi nnotifikat bi tranżazzjoni ta' trasferiment ta' kreditu eżegwita fiċ-ċirkostanzi msemmija fil-paragrafu 1, il-fornitur ta' servizzi ta' pagament għandu jagħmel waħda minn dawn li ġejjin:	2. Fi żmien ***15-il jum*** ta' negozju wara li jinnota jew jiġi nnotifikat bi tranżazzjoni ta' trasferiment ta' kreditu eżegwita fiċ-ċirkostanzi msemmija fil-paragrafu 1, il-fornitur ta' servizzi ta' pagament għandu jagħmel waħda minn dawn li ġejjin:

Or. en

Emenda 383
Lídia Pereira

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Fi żmien ***10 ijiem*** ta' negozju wara li jinnota jew jiġi nnotifikat bi tranżazzjoni ta' trasferiment ta' kreditu eżegwita fiċ-ċirkostanzi msemmija fil-paragrafu 1, il-fornitur ta' servizzi ta' pagament għandu jagħmel waħda minn dawn li ġejjin:	2. Fi żmien ***20 jum*** ta' negozju wara li jinnota jew jiġi nnotifikat bi tranżazzjoni ta' trasferiment ta' kreditu eżegwita fiċ-ċirkostanzi msemmija fil-paragrafu 1, il-fornitur ta' servizzi ta' pagament għandu jagħmel waħda minn dawn li ġejjin:

Or. en

Emenda 384
Claude Gruffat

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jipprovdi ġustifikazzjoni għar-rifjut tar-rimborż u jindika l-korpi li lilhom il-pagatur jista' jirreferi l-kwistjoni f'konformità mal-Artikoli 90, 91, 93, 94 u 95 jekk il-pagatur ma jaċċettax ir-raġunijiet ipprovduti.	(b) ***jipprovdi evidenza li ma kienx hemm ksur tal-Artikolu 50(1) lill-awtorità nazzjonali rilevanti u*** jipprovdi ġustifikazzjoni ***sostanzjata*** għar-rifjut tar-rimborż u jindika l-korpi li lilhom il-pagatur jista' jirreferi l-kwistjoni f'konformità mal-Artikoli 90, 91, 93, 94 u 95 jekk il-pagatur ma jaċċettax ir-raġunijiet ipprovduti.

Or. en

Emenda 385
Claude Gruffat

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-paragrafi 1 sa 4 ma għandhomx japplikaw jekk il-pagatur ikun aġixxa b'mod frodulenti ***jew jekk il-pagatur ikun għażel li ma jirċevix is-servizz ta' verifika f'konformità mal-Artikolu 50(4)***.	5. Il-paragrafi 1 sa 4 ma għandhomx japplikaw jekk il-pagatur ikun aġixxa b'mod frodulenti.

Or. en

Emenda 386
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-paragrafi 1 sa 4 ma għandhomx japplikaw jekk il-pagatur ikun aġixxa b'mod frodulenti jew jekk il-pagatur ikun għażel li ma jirċevix is-servizz ta' verifika f'konformità mal-Artikolu 50(4).	5. Il-paragrafi 1 sa 4 ma għandhomx japplikaw jekk il-pagatur ikun aġixxa b'mod frodulenti ***jew serjament negliġenti*** jew jekk il-pagatur ikun għażel li ma jirċevix is-servizz ta' verifika f'konformità mal-Artikolu 50(4).

Or. en

Emenda 387
Claude Gruffat

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. L-oneru tal-provi għandu jaqa' fuq il-fornituri ta' servizzi ta' pagament biex jagħtu prova li l-pagatur aġixxa b'mod frodulenti.

Or. en

Emenda 388
Lídia Pereira

Proposta għal regolament
Artikolu 58

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 58	***imħassar***
Responsabbiltà tal-fornituri ta' servizzi tekniċi u tal-operaturi ta' skemi ta' pagament għan-nuqqas ta' appoġġ għall-applikazzjoni ta' awtentikazzjoni qawwija tal-konsumatur	
	Il-forniturі ta' servizzi ta' komunikazzjoni elettronika għandhom jagħtu lill-klijenti tagħhom indikazzjonijiet ċari dwar kif jidentifikaw tentattivi ta' frodi u

jwissuhom dwar l-azzjonijiet u l-prekawzjonijiet meħtieġa li għandhom jittieħdu biex jiġi evitat li jisfaw vittmi ta' azzjonijiet frodulenti. Il-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni elettronika għandhom jinfurmaw lill-klijenti tagħhom dwar fejn jistgħu jirrapportaw azzjonijiet frodulenti u jiksbu malajr informazzjoni relatata mal-frodi.

Or. en

Emenda 424
Claude Gruffat

Proposta għal regolament
Artikolu 59 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. Fejn il-fornitur ta' servizzi ta' pagament ikun responsabbli lejn l-utent tas-servizzi ta' pagament skont il-paragrafu 1 li jirriżulta minn att jew ommissjoni minn operatur tas-suq, il-fornitur għandu jkun intitolat li jsegwi rimedji kontra l-operatur responsabbli. L-operatur tas-suq li kontrieh il-fornitur ta' servizzi ta' pagament jista' jsegwi rimedji, u l-azzjonijiet u l-kundizzjonijiet rilevanti ta' eżekuzzjoni ta' dak is-segwitu tar-rimedji, għandhom jiġu ddeterminati mil-liġi nazzjonali.

Or. en

Emenda 425
José Gusmão, Chris MacManus
f'isem il-Grupp tax-Xellug

Proposta għal regolament
Artikolu 59 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. Fejn il-fornitur ta' servizzi ta' pagament ikun responsabbli lejn l-utent tas-servizzi ta' pagament skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu li jirriżulta minn att jew ommissjoni minn operatur tas-suq, il-fornitur għandu jkun intitolat li jsegwi rimedji kontra l-operatur responsabbli. L-operatur tas-suq li kontrieh il-fornitur ta' servizzi ta' pagament jista' jsegwi rimedji, u l-azzjonijiet u l-kundizzjonijiet ta' eżekuzzjoni rilevanti, għandhom jiġu ddeterminati mil-liġi nazzjonali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

To ensure a high level of consumer protection, the PSP to which the consumer has the direct contractual relationship, should be liable towards the consumer but payment service providers should have the possibility to hold liable other actors who have caused through an act or omission for example by a digital platform issuing a sponsored advertising for a fakeshop, a data leak caused by a trader resulting in a credible manipulation of the consumer. Such liability chains have been already established in other EU legislation such as Article 20 of Directive 2019/770/EU on certain aspects concerning contracts for the supply of digital content and digital services.

Emenda 426
Billy Kelleher, Gilles Boyer

Proposta għal regolament
Artikolu 59a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 59a
	Responsabbiltajiet u obbligu tal-fornitur ta' servizzi ta' komunikazzjoni elettronika għall-frodi ta' personifikazzjoni
	Il-forniturі ta' servizzi ta' komunikazzjoni elettronika u l-forniturі ta' servizz ta' pagament għandhom jiżguraw li l-miżuri tekniċi meħtieġa kollha, inkluż b'mod

speċifiku s-sigurtà tal-komunikazzjoni bejn il-PSPs u l-PSUs, ikunu fis-seħħ sabiex jipprevjenu l-frodi fl-isfera ta' kompetenza tagħhom. Tali miżuri tekniċi għandhom jinkludu mill-inqas:

(a) il-konferma tal-awtentiċità tat-telefonati u tal-messaġġi kollha mibgħuta permezz ta' networks tat-telekomunikazzjoni u l-prevenzjoni tal-użu ta' numri tat-telefon li jmorru kontra l-kundizzjonijiet ta' għoti, awtorizzazzjoni jew allokazzjoni ta' dak in-numru tat-telefon;

(b) il-prevenzjoni tal-użu tal-posta elettronika għal finijiet frodulenti;

(c) il-prevenzjoni tal-ħolqien ta' siti web li jintużaw għal finijiet frodulenti u l-prevenzjoni tal-magni tat-tiftix fuq l-internet milli juru tali siti web fil-lista ta' riżultati tat-tiftix; u,

d) il-ħżin tal-prova tal-miżuri kollha tat-TI u tal-verifika tal-identità, b'mod partikolari fil-każ ta' SIMSWAP, għall-ġustifikazzjoni tad-diliġenza dovuta tagħhom.

Tali miżuri tekniċi għandhom jiġu pprovduti mingħajr ħlas.

B'deroga mill-Artikolu 59(1), fil-każ li l-fornituri ta' servizz ta' komunikazzjoni elettronika ma jissodisfawx il-miżuri tekniċi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, dawn għandhom ikunu finanzjarjament responsabbli lejn il-fornitur tas-servizz ta' pagament tal-pagatur għall-ammont li l-fornitur ta' servizzi ta' pagament ikun irrifonda lill-utent tas-servizz ta' pagament.

Il-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni elettronika għandhom jieħdu miżuri biex jgħinu lill-utenti jidentifikaw u jipprevjenu azzjonijiet frodulenti, inkluż jinfurmaw lill-utenti dwar:

(a) kif jidentifikaw tentattivi ta' frodi;

(b) l-azzjonijiet u l-prekawzjonijiet meħtieġa li għandhom jittieħdu biex jiġi

evitat li jisfaw vittmi ta' azzjonijiet frodulenti mmirati lejhom; u,

(c) fejn jistgħu jirrapportaw azzjonijiet frodulenti u jiksbu malajr informazzjoni relatata mal-frodi.

Or. en

Emenda 427
Claude Gruffat

Proposta għal regolament
Artikolu 60 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) it-telf, is-serq jew il-miżappropriazzjoni ta' strument ta' pagament ma setgħux jiġu individwati mill-pagatur qabel pagament, ħlief fejn il-pagatur ikun aġixxa b'mod frodulenti; jew	(a) it-telf, is-serq jew il-miżappropriazzjoni ta' strument ta' pagament ***jew kredenzjali ta' sigurtà*** ma setgħux jiġu individwati mill-pagatur qabel pagament, ħlief fejn il-pagatur ikun aġixxa b'mod frodulenti; jew

Or. en

Emenda 428
Claude Gruffat

Proposta għal regolament
Artikolu 60 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Fejn il-fornitur ta' servizzi ta' pagament tal-pagatur ikollu raġunijiet raġonevoli li jissuspetta frodi jew negliġenza serja mill-konsumatur, fi żmien 10 ijiem ta' negozju wara li jinnota jew jiġi nnotifikat bit-tranżazzjoni ta' pagament awtorizzata frodulenti, il-fornitur ta' servizzi ta' pagament għandu jwettaq waħda mill-għażliet li ġejjin:
	(a) jirrifondi lill-konsumatur l-ammont tat-tranżazzjoni ta' pagament awtorizzata

frodulenti;

(b) fejn il-fornitur ta' servizzi ta' pagament ikollu raġunijiet raġonevoli biex jissuspetta frodi jew negliġenza serja mill-konsumatur, jipprovdi prova lill-awtorità nazzjonali rilevanti li l-konsumatur aġixxa b'mod frodulenti jew b'negliġenza serja u jipprovdi lill-pagatur ġustifikazzjoni sostanzjata għar-rifjut tar-rimborż u jindika lill-konsumatur il-korpi li lilhom il-konsumatur jista' jirreferi l-kwistjoni f'konformità mal-Artikoli 90, 91, 93, 94 u 95 jekk il-konsumatur ma jaċċettax ir-raġunijiet ipprovduti.

Or. en

Emenda 429
Claude Gruffat

Proposta għal regolament
Artikolu 60 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Sa [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = 12-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] l-Awtorità Bankarja Ewropea għandha toħroġ linji gwida dwar kif il-kunċett ta' negliġenza serja għandu jiġi interpretat għall-finijiet ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 430
Lídia Pereira

Proposta għal regolament
Artikolu 61 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Fejn tranżazzjoni ta' pagament	1. Fejn tranżazzjoni ta' pagament

tinbeda mill-benefiċjarju jew permezz tiegħu fil-kuntest ta' tranżazzjoni ta' pagament permezz ta' kard u l-ammont futur eżatt ma jkunx magħruf fil-mument meta l-pagatur jawtorizza l-eżekuzzjoni tat-tranżazzjoni ta' pagament, il-fornitur ta' servizzi ta' pagament tal-pagatur jista' jimblokka biss fondi fil-kont ta' pagament tal-pagatur jekk il-pagatur ikun ta l-permess tiegħu biex dak l-ammont preċiż ta' fondi jiġu imblukkati.	tinbeda mill-benefiċjarju jew permezz tiegħu fil-kuntest ta' tranżazzjoni ta' pagament permezz ta' kard***, tranżazzjoni minn kont għal kont jew trasferiment ta' kreditu*** u l-ammont futur eżatt ma jkunx magħruf fil-mument meta l-pagatur jawtorizza l-eżekuzzjoni tat-tranżazzjoni ta' pagament, il-fornitur ta' servizzi ta' pagament tal-pagatur jista' jimblokka biss fondi fil-kont ta' pagament tal-pagatur jekk il-pagatur ikun ta l-permess tiegħu biex dak l-ammont preċiż ta' fondi jiġu imblukkati.

Or. en

Emenda 431
Frances Fitzgerald

Proposta għal regolament
Artikolu 62 – paragrafu 1 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, minbarra d-dritt imsemmi fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, għal ***tranżazzjonijiet ta' pagament awtorizzati li jkunu nbdew minn benefiċjarju, inklużi*** debiti diretti kif imsemmi fl-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) Nru 260/2012, il-pagatur għandu jkollu dritt inkondizzjonat għal rimborż fil-limiti ta' żmien stabbiliti fl-Artikolu 63 ta' dan ir-Regolament.	Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, minbarra d-dritt imsemmi fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, għal debiti diretti kif imsemmi fl-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) Nru 260/2012, il-pagatur għandu jkollu dritt inkondizzjonat għal rimborż fil-limiti ta' żmien stabbiliti fl-Artikolu 63 ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 432
Eugen Jurzyca

Proposta għal regolament
Artikolu 62 – paragrafu 1 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, minbarra d-dritt imsemmi fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, għal ***tranżazzjonijiet ta' pagament awtorizzati li jkunu nbdew minn benefiċjarju, inklużi*** debiti diretti kif imsemmi fl-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) Nru 260/2012, il-pagatur għandu jkollu dritt inkondizzjonat għal rimborż fil-limiti ta' żmien stabbiliti fl-Artikolu 63 ta' dan ir-Regolament.	Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, minbarra d-dritt imsemmi fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, għal debiti diretti kif imsemmi fl-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) Nru 260/2012, il-pagatur għandu jkollu dritt inkondizzjonat għal rimborż fil-limiti ta' żmien stabbiliti fl-Artikolu 63 ta' dan ir-Regolament. ***It-Tranżazzjonijiet Mibdija min-Negozjant (MITs) ma għandhomx jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan id-dritt inkondizzjonat.***

Or. en

Emenda 433
Lídia Pereira

Proposta għal regolament
Artikolu 63 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fi żmien ***10 ijiem*** ta' negozju minn meta jirċievi talba għal rimborż, il-fornitur ta' servizzi ta' pagament għandu jagħmel waħda minn dawn li ġejjin:	Fi żmien ***20 jum*** ta' negozju minn meta jirċievi talba għal rimborż, il-fornitur ta' servizzi ta' pagament għandu jagħmel waħda minn dawn li ġejjin:

Or. en

Emenda 434
José Manuel García-Margallo y Marfil

Proposta għal regolament
Artikolu 65 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-fornitur ta' servizzi ta' pagament għandu jipprovdi jew jagħmel disponibbli n-notifika b'mod maqbul mal-ewwel opportunità, u fi kwalunkwe każ fil-perjodi	Il-fornitur ta' servizzi ta' pagament għandu jipprovdi jew jagħmel disponibbli n-notifika b'mod maqbul mal-ewwel opportunità, u fi kwalunkwe każ fil-perjodi

speċifikati fl-Artikolu 69.	speċifikati fl-Artikolu 69. ***Fejn il-PSP jirrifjuta li jeżegwixxi l-pagament abbażi ta' raġunijiet oġġettivi ta' suspett ta' tranżazzjoni ta' pagament frodulenti f'konformità mal-Artikolu 83(1), in-notifika għandha tqis l-informazzjoni meħtieġa għall-utent tas-servizz ta' pagament biex isolvi t-tranżazzjoni suspettuża.***

Or. en

Emenda 435
Frances Fitzgerald

Proposta għal regolament
Artikolu 65 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-fornitur ta' servizzi ta' pagament għandu jipprovdi jew jagħmel disponibbli n-notifika b'mod maqbul mal-ewwel opportunità, u fi kwalunkwe każ fil-perjodi speċifikati fl-Artikolu 69.	Il-fornitur ta' servizzi ta' pagament għandu jipprovdi jew jagħmel disponibbli n-notifika b'mod maqbul mal-ewwel opportunità, u fi kwalunkwe każ fil-perjodi speċifikati fl-Artikolu 69. ***Fejn il-fornitur ta' servizzi ta' pagament jirrifjuta li jeżegwixxi l-pagament abbażi ta' suspett raġonevoli ta' tranżazzjoni ta' pagament frodulenti f'konformità mal-Artikolu 83(1), in-notifika għandha tqis l-informazzjoni meħtieġa għall-utent tas-servizz ta' pagament biex isolvi t-tranżazzjoni suspettuża.***

Or. en

Emenda 436
Frances Fitzgerald

Proposta għal regolament
Artikolu 65 – paragrafu 1 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-kuntratt qafas jista' jinkludi kundizzjoni	Il-kuntratt qafas jista' jinkludi kundizzjoni

li l-fornitur ta' servizzi ta' pagament jista' jitlob tariffa raġonevoli għal tali rifjut jekk ir-rifjut ikun oġġettivament ġustifikat.	li l-fornitur ta' servizzi ta' pagament jista' jitlob tariffa raġonevoli għal tali rifjut jekk ir-rifjut ikun oġġettivament ġustifikat***, iżda mhux fil-każ ta' rifjut minħabba suspett ta' tranżazzjoni frodulenti***.

Or. en

Emenda 437
José Manuel García-Margallo y Marfil

Proposta għal regolament
Artikolu 65 – paragrafu 1 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-kuntratt qafas jista' jinkludi kundizzjoni li l-fornitur ta' servizzi ta' pagament jista' jitlob tariffa raġonevoli għal tali rifjut jekk ir-rifjut ikun oġġettivament ġustifikat.	Il-kuntratt qafas jista' jinkludi kundizzjoni li l-fornitur ta' servizzi ta' pagament jista' jitlob tariffa raġonevoli għal tali rifjut jekk ir-rifjut ikun oġġettivament ġustifikat***, iżda mhux fil-każ ta' rifjut minħabba suspett ta' tranżazzjoni frodulenti***.

Or. en

Emenda 438
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Artikolu 65 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 1, fejn il-mekkaniżmi ta' monitoraġġ tat-tranżazzjonijiet skont l-Artikolu 83(1) jipprovdu raġunijiet raġonevoli ta' suspett ta' tranżazzjoni ta' pagament frodulenti, il-fornitur ta' servizzi ta' pagament li jiġġestixxu l-kont tal-pagatur jista' jirrifjuta l-eżekuzzjoni tat-tranżazzjoni ta' pagament.

Or. en

Emenda 439
Lídia Pereira

Proposta għal regolament
Artikolu 68 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Din it-Taqsima tapplika għal tranżazzjonijiet ta' pagament mhux imsemmija fil-paragrafu 1, sakemm ma jkunx maqbul mod ieħor bejn l-utent ta' servizzi ta' pagament u l-fornitur ta' servizzi ta' pagament, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 73, li ma huwiex għad-dispożizzjoni tal-partijiet. Madankollu, jekk l-utent ta' servizzi ta' pagament u l-fornitur ta' servizzi ta' pagament jaqblu dwar perjodu itwal minn dak stabbilit fl-Artikolu 69, għal tranżazzjonijiet ta' pagament intra-Unjoni, dak il-perjodu itwal ma għandux jaqbeż ***4*** ijiem ta' negozju wara l-ħin tar-riċevuta kif imsemmi fl-Artikolu 64.	2. Din it-Taqsima tapplika għal tranżazzjonijiet ta' pagament mhux imsemmija fil-paragrafu 1, sakemm ma jkunx maqbul mod ieħor bejn l-utent ta' servizzi ta' pagament u l-fornitur ta' servizzi ta' pagament, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 73, li ma huwiex għad-dispożizzjoni tal-partijiet. Madankollu, jekk l-utent ta' servizzi ta' pagament u l-fornitur ta' servizzi ta' pagament jaqblu dwar perjodu itwal minn dak stabbilit fl-Artikolu 69, għal tranżazzjonijiet ta' pagament intra-Unjoni, dak il-perjodu itwal ma għandux jaqbeż ***5*** ijiem ta' negozju wara l-ħin tar-riċevuta kif imsemmi fl-Artikolu 64.

Or. en

Emenda 440
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Artikolu 69 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Fejn il-mekkaniżmi ta' monitoraġġ tat-tranżazzjonijiet skont l-Artikolu 83(1) jipprovdu raġunijiet raġonevoli ta' suspett ta' tranżazzjoni ta' pagament frodulenti, il-fornitur ta' servizzi ta' pagament li jiġġestixxu l-kont tal-pagatur jista' jirrifjuta li jagħmel il-fondi immedjatament disponibbli fil-kont ta' pagament tal-benefiċjarju. Il-fornitur ta' servizzi ta' pagament tal-benefiċjarju

għandu, kif xieraq u mingħajr dewmien bla bżonn, ifittex kjarifika dwar is-suspett ta' tranżazzjoni ta' pagament frodulenti u, skont dak l-eżitu, jew jagħmel il-fondi disponibbli jew jirritornahom lill-fornitur ta' servizzi ta' pagament li jiġġestixxi l-kont tal-pagatur.

Or. en

Emenda 441
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Artikolu 69 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-fornitur ta' servizzi ta' pagament tal-benefiċjarju għandu jittrażmetti ordni ta' pagament magħmula mill-benefiċjarju jew permezz tiegħu lill-fornitur ta' servizzi ta' pagament tal-pagatur fil-limiti ta' żmien maqbula bejn il-benefiċjarju u l-fornitur ta' servizzi ta' pagament, u b'hekk jippermetti s-saldu, sa fejn għandu x'jaqsam id-debitu dirett, fid-data maqbula.	3. Il-fornitur ta' servizzi ta' pagament tal-benefiċjarju għandu jittrażmetti ordni ta' pagament magħmula mill-benefiċjarju jew permezz tiegħu lill-fornitur ta' servizzi ta' pagament tal-pagatur fil-limiti ta' żmien maqbula bejn il-benefiċjarju u l-fornitur ta' servizzi ta' pagament, u b'hekk jippermetti s-saldu, sa fejn għandu x'jaqsam id-debitu dirett, fid-data maqbula. ***Il-paragrafu [2a ġdid] japplika kif xieraq.***

Or. en

Emenda 442
Lídia Pereira

Proposta għal regolament
Artikolu 72 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għal tranżazzjonijiet ta' pagament nazzjonali, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu żminijiet massimi iqsar ta' eżekuzzjoni minn dawk previsti f'din it-Taqsima.	Għal tranżazzjonijiet ta' pagament nazzjonali, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu żminijiet massimi iqsar ta' eżekuzzjoni minn dawk previsti f'din it-Taqsima. ***Id-deċiżjonijiet meħudin skont dan l-Artikolu jridu jiġu kkomunikati lill-***

Kummissjoni.

Or. en

Emenda 443
Lídia Pereira

Proposta għal regolament
Artikolu 74 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Fejn ikun maqbul fil-kuntratt qafas, il-fornitur ta' servizzi ta' pagament jista' jitlob ħlas lill-utent ta' servizzi ta' pagament għall-irkupru.	4. Fejn ikun maqbul fil-kuntratt qafas, il-fornitur ta' servizzi ta' pagament jista' jitlob ħlas lill-utent ta' servizzi ta' pagament għall-irkupru. ***Il-ħlas għandu jkun raġonevoli u proporzjonat għall-kostijiet imġarrba.***

Or. en

Emenda 444
Marek Belka, Paul Tang, René Repasi

Proposta għal regolament
Artikolu 80 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Is-sistemi ta' pagament u l-forniturі ta' servizzi ta' pagament għandhom jitħallew jipproċessaw kategoriji speċjali ta' data personali kif imsemmija fl-Artikolu 9(1) tar-Regolament (UE) 2016/679 u l-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 sal-punt meħtieġ għall-forniment ta' servizzi ta' pagament u għall-konformità mal-obbligi skont dan ir-Regolament, fl-interess pubbliku tal-funzjonament tajjeb tas-suq intern għas-servizzi ta' pagament, soġġett għal salvagwardji xierqa għad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-persuni fiżiċi, inklużi dawn li ġejjin:	***Is-sistemi ta' pagament u l-forniturі ta' servizzi ta' pagament għandhom jitħallew jipproċessaw kategoriji speċjali ta' data personali kif imsemmija fl-Artikolu 9(1) tar-Regolament (UE) 2016/679 u l-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 meta meħtieġ għall-prevenzjoni, l-investigazzjoni u d-detezzjoni ta' frodi ta' pagament, soġġett għal salvagwardji xierqa għad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-persuni fiżiċi, fuq il-bażi li tali prevenzjoni, investigazzjoni u detezzjoni jkunu interess pubbliku sostanzjali kif imsemmi fl-Artikolu 9(2)(g) tar-Regolament (UE) 2016/679 u abbażi tal-Artikolu 6(1)(c) u***

(d) tar-Regolament (UE) 2016/679. Mingħajr preġudizzju għal dak imsemmi hawn fuq, il-forniturи ta' servizzi ta' pagament għandhom jaċċessaw, iżommu u jipproċessaw biss id-data personali meħtieġa għall-forniment ta' servizzi ta' pagament, u bil-kunsens biss tal-utent tas-servizzi ta' pagament. Is-sistemi ta' pagament u l-forniturи ta' servizzi ta' pagament għandhom jitħallew jipproċessaw kategoriji speċjali ta' data personali kif imsemmija fl-Artikolu 9(1) tar-Regolament (UE) 2016/679 u l-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 sal-punt meħtieġ għall-forniment ta' servizzi ta' pagament u għall-konformità mal-obbligi skont dan ir-Regolament, fl-interess pubbliku tal-funzjonament tajjeb tas-suq intern għas-servizzi ta' pagament, soġġett għal salvagwardji xierqa għad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-persuni fiżiċi, inklużi dawn li ġejjin:

Or. en

Emenda 445
Ondřej Kovařík

Proposta għal regolament
Artikolu 80 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Is-sistemi ta' pagament u l-forniturи ta' servizzi ta' pagament għandhom jitħallew jipproċessaw kategoriji speċjali ta' data personali kif imsemmija fl-Artikolu 9(1) tar-Regolament (UE) 2016/679 u l-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 sal-punt meħtieġ għall-forniment ta' servizzi ta' pagament ***u*** għall-konformità mal-obbligi skont dan ir-Regolament, fl-interess pubbliku tal-funzjonament tajjeb tas-suq intern għas-servizzi ta' pagament, soġġett għal salvagwardji xierqa għad-drittijiet u l-	Is-sistemi ta' pagament***, il-forniturи ta' servizzi ta' pagament*** u l-forniturи ta' servizzi ta' pagament għandhom jitħallew jipproċessaw kategoriji speċjali ta' data personali kif imsemmija fl-Artikolu 9(1) tar-Regolament (UE) 2016/679 u l-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 sal-punt meħtieġ għall-forniment ta' servizzi ta' pagament ***jew sabiex jiżguraw l-aħjar prestazzjoni tal-awtentikazzjoni tal-konsumatur b'saħħitha abbażi tal-inerenza jew*** għall-konformità mal-obbligi skont dan ir-

libertajiet fundamentali tal-persuni fiżiċi, inklużi dawn li ġejjin:	Regolament, fl-interess pubbliku tal-funzjonament tajjeb tas-suq intern għas-servizzi ta' pagament, soġġett għal salvagwardji xierqa għad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-persuni fiżiċi, inklużi dawn li ġejjin:

Or. en

Emenda 446
Claude Gruffat

Proposta għal regolament
Artikolu 80 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Is-sistemi ta' pagament u l-forniturі ta' servizzi ta' pagament għandhom jitħallew jipproċessaw kategoriji speċjali ta' data personali kif imsemmija fl-Artikolu 9(1) tar-Regolament (UE) 2016/679 u l-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 ***sal-punt*** meħtieġ ***għall-forniment ta' servizzi ta' pagament u għall-konformità mal-obbligi skont dan ir-Regolament, fl-interess pubbliku tal-funzjonament tajjeb tas-suq intern għas-servizzi ta' pagament, soġġett għal salvagwardji xierqa għad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-persuni fiżiċi, inklużi dawn li ġejjin:***	Is-sistemi ta' pagament u l-forniturі ta' servizzi ta' pagament għandhom jitħallew jipproċessaw kategoriji speċjali ta' data personali kif imsemmija fl-Artikolu 9(1) tar-Regolament (UE) 2016/679 u l-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 ***fejn*** meħtieġ ***biex jiġu ssalvagwardjati l-prevenzjoni, l-investigazzjoni u d-detezzjoni tal-frodi ta' pagament. L-għoti ta' informazzjoni lill-individwi dwar l-ipproċessar ta' data personali u l-ipproċessar ta' tali data personali u kwalunkwe pproċessar ieħor ta' data personali għall-finijiet ta' din id-Direttiva għandu jitwettaq f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679.***

Or. en

Emenda 447
Claude Gruffat

Proposta għal regolament
Artikolu 80 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) miżuri tekniċi biex tiġi żgurata l-konformità mal-prinċipji tal-limitazzjoni tal-iskop, il-minimizzazzjoni tad-data u l-limitazzjoni tal-ħżin, kif stabbiliti fir-Regolament (UE) 2016/679, inklużi limitazzjonijiet tekniċi fuq l-użu mill-ġdid tad-data u l-użu ta' miżuri ta' sigurtà u ta' preservazzjoni tal-privatezza tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku, inklużi l-psewdonimizzazzjoni, jew il-kriptaġġ;	***imħassar***

Or. en

Emenda 448
Claude Gruffat

Proposta għal regolament
Artikolu 80 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) miżuri organizzazzjonali, inkluż taħriġ dwar l-ipproċessar ta' kategoriji speċjali ta' data, il-limitazzjoni tal-aċċess għal kategoriji speċjali ta' data u r-reġistrazzjoni ta' tali aċċess.	***imħassar***

Or. en

Emenda 449
Claude Gruffat

Proposta għal regolament
Artikolu 80 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom jaċċessaw, iżommu u jipproċessaw biss id-data personali meħtieġa għall-forniment ta' servizzi ta' pagament tagħhom, bil-kunsens espliċitu

tal-utent tas-servizzi ta' pagament.

Or. en

Emenda 450
Claude Gruffat

Proposta għal regolament
Artikolu 81 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom jistabbilixxu qafas b'miżuri ta' mitigazzjoni u mekkaniżmi ta' kontroll xierqa għall-ġestjoni tar-riskji operazzjonali u ta' sigurtà relatati mas-servizzi ta' pagament li jipprovdu. Bħala parti minn dak il-qafas, il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom jistabbilixxu u jżommu proċeduri effettivi ta' ġestjoni tal-inċidenti, inkluż għas-sejbien u l-klassifikazzjoni ta' inċidenti operazzjonali u ta' sigurtà maġġuri.	Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament ***u l-fornituri ta' portafolli elettroniċi*** għandhom jistabbilixxu qafas b'miżuri ta' mitigazzjoni u mekkaniżmi ta' kontroll xierqa għall-ġestjoni tar-riskji operazzjonali u ta' sigurtà relatati mas-servizzi ta' pagament li jipprovdu. Bħala parti minn dak il-qafas, il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom jistabbilixxu u jżommu proċeduri effettivi ta' ġestjoni tal-inċidenti, inkluż għas-sejbien u l-klassifikazzjoni ta' inċidenti operazzjonali u ta' sigurtà maġġuri.

Or. en

Emenda 451
Claude Gruffat

Proposta għal regolament
Artikolu 81 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-fornituri ta' servizzi ta' informazzjoni dwar il-kontijiet imsemmija fl-Artikolu 36(1) tad-Direttiva (UE) (PSD3); u	(b) il-fornituri ta' servizzi ta' informazzjoni ***u l-fornituri ta' portafolli elettroniċi*** dwar il-kontijiet imsemmija fl-Artikolu 36(1) tad-Direttiva (UE) (PSD3); u

Or. en

Emenda 452
Claude Gruffat

Proposta għal regolament
Artikolu 82 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Is-settijiet ta' data statistika dwar il-frodi għandhom jinkludu n-numru u l-valur tat-tranżazzjonijiet frodulenti rimborżati.Fejn ir-rimborż ikun ġie rrifjutat, il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom jipprovdu r-raġuni għar-rifjut bħall-istipulazzjoni li l-konsumatur aġixxa b'mod frodulenti jew b'negliġenza serja.

Or. en

Emenda 453
Claude Gruffat

Proposta għal regolament
Artikolu 82 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, l-Awtorità Bankarja Ewropea u l-Bank Ċentrali Ewropew għandhom jippubblikaw id-data statistika f'forma aggregata fuq bażi annwali.

Or. en

Emenda 454
Eugen Jurzyca

Proposta għal regolament
Artikolu 83 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Mekkaniżmi ta' monitoraġġ ***tat-***	Mekkaniżmi ta' monitoraġġ ***tal-frodi*** u

tranżazzjonijiet u kondiviżjoni tad-data dwar il-frodi	kondiviżjoni tad-data dwar il-frodi

Or. en

Emenda 455
Eugen Jurzyca

Proposta għal regolament
Artikolu 83 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-forniturі ta' servizzi ta' pagament għandu jkollhom fis-seħħ mekkaniżmi ta' monitoraġġ ***tat-tranżazzjonijiet*** li:	1. Il-forniturі ta' servizzi ta' pagament għandu jkollhom fis-seħħ mekkaniżmi ta' monitoraġġ ***tal-frodi*** li:

Or. en

Emenda 456
Ondřej Kovařík

Proposta għal regolament
Artikolu 83 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jappoġġaw l-applikazzjoni ta' awtentikazzjoni qawwija tal-konsumatur f'konformità mal-Artikolu 85;	(a) jappoġġaw l-applikazzjoni ***bbażata fuq ir-riskju*** ta' awtentikazzjoni qawwija tal-konsumatur f'konformità mal-Artikolu 85;

Or. en

Emenda 457
Ondřej Kovařík

Proposta għal regolament
Artikolu 83 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jeżentaw l-applikazzjoni ta'	(b) jeżentaw l-applikazzjoni ta'

awtentikazzjoni qawwija tal-konsumatur abbażi tal-kriterji skont l-Artikolu 85(11), soġġett ***għal kundizzjonijiet speċifikati u limitati bbażati fuq il-livell*** ta' riskju involut, it-tipi u d-dettalji tad-data vvalutata mill-fornitur ta' servizzi ta' pagament;	awtentikazzjoni qawwija tal-konsumatur abbażi tal-kriterji skont l-Artikolu 85(11), soġġett ***għal-livell*** ta' riskju involut, it-tipi u d-dettalji tad-data vvalutata mill-fornitur ta' servizzi ta' pagament***, inkluż permezz tal-mekkaniżmi ta' monitoraġġ tat-tranżazzjonijiet kif sottolinjat fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu***;

Or. en

Emenda 458
José Manuel García-Margallo y Marfil

Proposta għal regolament
Artikolu 83 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) jippermettu lill-forniturі ta' servizzi ta' pagament jipprevjenu ***u*** jidentifikaw tranżazzjonijiet ta' pagament potenzjalment frodulenti, inklużi tranżazzjonijiet li jinvolvu servizzi ta' bidu ta' pagament.	(c) jippermettu lill-forniturі ta' servizzi ta' pagament ***kollha*** jipprevjenu***,*** jidentifikaw ***u jsolvu*** tranżazzjonijiet ta' pagament potenzjalment frodulenti, inklużi tranżazzjonijiet li jinvolvu servizzi ta' bidu ta' pagament.

Or. en

Emenda 459
Ondřej Kovařík

Proposta għal regolament
Artikolu 83 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ***jippermettu lill-forniturі ta' servizzi ta' pagament*** jipprevjenu u jidentifikaw tranżazzjonijiet ta' pagament potenzjalment frodulenti, inklużi tranżazzjonijiet li jinvolvu servizzi ta' bidu ta' pagament.	(c) jipprevjenu u jidentifikaw tranżazzjonijiet ta' pagament potenzjalment frodulenti, inklużi tranżazzjonijiet li jinvolvu servizzi ta' bidu ta' pagament.

Or. en

Emenda 460
José Manuel García-Margallo y Marfil

Proposta għal regolament
Artikolu 83 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-mekkaniżmi ta' monitoraġġ tat-tranżazzjonijiet għandhom ikunu bbażati fuq l-analiżi ta' tranżazzjonijiet ta' pagament preċedenti u l-aċċess għal kontijiet ta' pagament online. L-ipproċessar għandu jkun limitat għad-data li ġejja meħtieġa għall-iskopijiet imsemmija fil-paragrafu 1:	Il-mekkaniżmi ta' monitoraġġ tat-tranżazzjonijiet għandhom ikunu bbażati fuq l-analiżi ta' tranżazzjonijiet ta' pagament preċedenti u l-aċċess għal kontijiet ta' pagament online ***kif ukoll fuq id-data dwar il-frodi kondiviża u x-xejriet ta' frodi osservati***. L-ipproċessar għandu jkun limitat għad-data li ġejja meħtieġa għall-iskopijiet imsemmija fil-paragrafu 1:

Or. en

Emenda 461
Eugen Jurzyca

Proposta għal regolament
Artikolu 83 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-mekkaniżmi ta' monitoraġġ tat-tranżazzjonijiet għandhom ikunu bbażati fuq l-analiżi ta' tranżazzjonijiet ta' pagament preċedenti u l-aċċess għal kontijiet ta' pagament online. L-ipproċessar għandu ***jkun limitat għad-data*** li ġejja meħtieġa għall-iskopijiet imsemmija fil-paragrafu 1:	Il-mekkaniżmi ta' monitoraġġ tat-tranżazzjonijiet għandhom ikunu bbażati fuq l-analiżi ta' tranżazzjonijiet ta' pagament preċedenti u l-aċċess għal kontijiet ta' pagament online. L-ipproċessar għandu ***jinkludi d-data*** li ġejja meħtieġa għall-iskopijiet imsemmija fil-paragrafu 1:

Or. en

Emenda 462
Ondřej Kovařík

Proposta għal regolament
Artikolu 83 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-mekkaniżmi ta' monitoraġġ tat-tranżazzjonijiet għandhom ikunu bbażati fuq l-analiżi ta' tranżazzjonijiet ta' pagament preċedenti u l-aċċess għal kontijiet ta' pagament online. L-ipproċessar għandu ***jkun limitat għad-data*** li ġejja meħtieġa għall-iskopijiet imsemmija fil-paragrafu 1:	Il-mekkaniżmi ta' monitoraġġ tat-tranżazzjonijiet għandhom ikunu bbażati fuq l-analiżi ta' tranżazzjonijiet ta' pagament preċedenti u l-aċċess għal kontijiet ta' pagament online. L-ipproċessar għandu ***jinkludi, mill-inqas, id-data*** li ġejja meħtieġa għall-iskopijiet imsemmija fil-paragrafu 1:

Or. en

Emenda 463
Caroline Nagtegaal, Esther de Lange

Proposta għal regolament
Artikolu 83 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-mekkaniżmi ta' monitoraġġ tat-tranżazzjonijiet għandhom ikunu bbażati fuq l-analiżi ta' tranżazzjonijiet ta' pagament preċedenti u l-aċċess għal kontijiet ta' pagament online. L-ipproċessar għandu ***jkun limitat għad-data*** li ġejja meħtieġa għall-iskopijiet imsemmija fil-paragrafu 1:	Il-mekkaniżmi ta' monitoraġġ tat-tranżazzjonijiet għandhom ikunu bbażati fuq l-analiżi ta' tranżazzjonijiet ta' pagament preċedenti u l-aċċess għal kontijiet ta' pagament online. L-ipproċessar għandu ***jindirizza mill-inqas id-data*** li ġejja meħtieġa għall-iskopijiet imsemmija fil-paragrafu 1:

Or. en

Emenda 464
José Manuel García-Margallo y Marfil

Proposta għal regolament
Artikolu 83 – paragrafu 2 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Meta l-mekkaniżmi ta' monitoraġġ jipprovdu evidenza b'saħħitha ta' suspett

ta' tranżazzjoni frodulenti, jew meta rapport tal-pulizija jiġi nnotifikat mill-utent lill-fornitur ta' servizzi ta' pagament, il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandu jkollhom id-dritt li jimblokkaw l-eżekuzzjoni tal-ordni ta' pagament, jew jimblokkaw u jirkupraw il-fondi relatati. Dik l-evidenza għandha tinftiehem bħala raġunijiet oġġettivament iġġustifikati relatati mas-sigurtà tat-tranżazzjoni ta' pagament, is-suspett ta' tranżazzjonijiet mhux awtorizzati jew frodulenti.

Or. en

Emenda 465
Eugen Jurzyca

Proposta għal regolament
Artikolu 83 – paragrafu 2 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament tal-benefiċjarji għandhom jipprovdu d-data meħtieġa għall-finijiet imsemmija fil-paragrafu 1 lill-fornituri ta' servizzi ta' pagament involuti fit-tranżazzjoni.

Or. en

Emenda 466
José Manuel García-Margallo y Marfil

Proposta għal regolament
Artikolu 83 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament ma għandhomx jaħżnu d-data msemmija f'dan il-paragrafu aktar milli meħtieġ għall-iskopijiet stabbiliti fil-paragrafu 1, u mhux wara t-terminazzjoni tar-relazzjoni mal-	Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament ma għandhomx jaħżnu d-data msemmija f'dan il-paragrafu aktar milli meħtieġ għall-iskopijiet stabbiliti fil-paragrafu 1, u***, fi kwalunkwe każ,*** mhux ***iżjed tard minn 10***

klijent. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom jiżguraw li l-mekkaniżmi li jissorveljaw it-tranżazzjonijiet iqisu, tal-anqas, kull wieħed minn dawn il-fatturi bbażati fuq ir-riskju li ġejjin:

snin wara t-terminazzjoni tar-relazzjoni mal-klijent. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom jiżguraw li l-mekkaniżmi li jissorveljaw it-tranżazzjonijiet iqisu, tal-anqas, kull wieħed minn dawn il-fatturi bbażati fuq ir-riskju li ġejjin:

Or. en

Emenda 467
Eugen Jurzyca

Proposta għal regolament
Artikolu 83 – paragrafu 2 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament jistgħu jipproċessaw id-data elenkata fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 83(2) għal awtentikazzjoni qawwija tal-konsumatur bħala element ta' "inerenza" skont l-Artikolu 3(35).

Or. en

Emenda 468
Ondřej Kovařík

Proposta għal regolament
Artikolu 83 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Sa fejn ikun meħtieġ biex jikkonformaw mal-paragrafu 1(c), il-fornituri ta' servizzi ta' pagament jistgħu jiskambjaw l-identifikatur uniku ta' benefiċjarju ma' fornituri oħra ta' servizzi ta' pagament li jkunu soġġetti għal arranġamenti ta' kondiviżjoni tal-informazzjoni kif imsemmi fil-paragrafu 5, meta l-fornitur ta' servizzi ta' pagament ikollu biżżejjed evidenza biex jassumi li	3. Sa fejn ikun meħtieġ biex jikkonformaw mal-paragrafu 1(c), il-fornituri ta' servizzi ta' pagament jistgħu jiskambjaw l-identifikatur uniku***, l-isem, in-numru ta' identifikazzjoni personali, in-numru tal-organizzazzjoni, il-modus operandi u informazzjoni oħra dwar it-tranżazzjoni*** ta' benefiċjarju ma' fornituri oħra ta' servizzi ta' pagament li jkunu soġġetti għal arranġamenti ta' kondiviżjoni

kien hemm tranżazzjoni ta' pagament frodulenti. Għandha tiġi preżunta biżżejjed evidenza għall-kondiviżjoni ta' ***identifikaturi uniċi*** meta mill-anqas żewġ utenti differenti ta' servizzi ta' pagament li jkunu klijenti tal-istess fornitur ta' servizzi ta' pagament ikunu infurmaw li ntuża identifikatur uniku ta' benefiċjarju biex isir trasferiment ta' kreditu frodulenti. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament ma għandhomx iżommu ***identifikaturi uniċi*** miksuba wara l-iskambju ta' informazzjoni msemmi f'dan il-paragrafu u fil-paragrafu 5 għal aktar żmien milli jkun meħtieġ għall-finijiet stabbiliti fil-paragrafu 1(c).

tal-informazzjoni kif imsemmi fil-paragrafu 5, meta l-fornitur ta' servizzi ta' pagament ikollu biżżejjed evidenza biex jassumi li kien hemm tranżazzjoni ta' pagament frodulenti. Għandha tiġi preżunta biżżejjed evidenza għall-kondiviżjoni ta' ***informazzjoni unika*** meta mill-anqas żewġ utenti differenti ta' servizzi ta' pagament li jkunu klijenti tal-istess fornitur ta' servizzi ta' pagament ikunu infurmaw li ntuża identifikatur uniku ta' benefiċjarju biex isir trasferiment ta' kreditu frodulenti. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament ma għandhomx iżommu ***informazzjoni*** miksuba wara l-iskambju ta' informazzjoni msemmi f'dan il-paragrafu u fil-paragrafu 5 għal aktar żmien milli jkun meħtieġ għall-finijiet stabbiliti fil-paragrafu 1(c).

Or. en

Emenda 469
Jessica Polfjärd

Proposta għal regolament
Artikolu 83 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Sa fejn ikun meħtieġ biex jikkonformaw mal-paragrafu 1(c), il-fornituri ta' servizzi ta' pagament jistgħu jiskambjaw l-identifikatur uniku ***ta' benefiċjarju*** ma' fornituri oħra ta' servizzi ta' pagament li jkunu soġġetti għal arranġamenti ta' kondiviżjoni tal-informazzjoni kif imsemmi fil-paragrafu ***5***, meta l-fornitur ta' servizzi ta' pagament ikollu biżżejjed evidenza biex jassumi li kien hemm tranżazzjoni ta' pagament frodulenti. ***Għandha tiġi preżunta biżżejjed evidenza għall-kondiviżjoni ta' identifikaturi uniċi meta mill-anqas żewġ utenti differenti ta' servizzi ta' pagament li jkunu klijenti tal-istess fornitur ta' servizzi ta' pagament ikunu infurmaw li ntuża identifikatur uniku ta' benefiċjarju***	3. Sa fejn ikun meħtieġ biex jikkonformaw mal-paragrafu 1(c), il-fornituri ta' servizzi ta' pagament jistgħu jiskambjaw l-identifikatur uniku***, l-isem, in-numru ta' identifikazzjoni personali, in-numru tal-organizzazzjoni, il-modus operandi u informazzjoni oħra dwar it-tranżazzjoni*** ma' fornituri oħra ta' servizzi ta' pagament li jkunu soġġetti għal arranġamenti ta' kondiviżjoni tal-informazzjoni kif imsemmi fil-paragrafu ***4***, meta l-fornitur ta' servizzi ta' pagament ikollu biżżejjed evidenza biex jassumi li kien hemm tranżazzjoni ta' pagament frodulenti. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament ma għandhomx iżommu ***l-informazzjoni*** miksuba wara l-iskambju ta' informazzjoni msemmi f'dan il-paragrafu u

biex isir trasferiment ta' kreditu frodulenti. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament ma għandhomx iżommu ***identifikaturi uniċi*** miksuba wara l-iskambju ta' informazzjoni msemmi f'dan il-paragrafu u fil-paragrafu ***5*** għal aktar żmien milli jkun meħtieġ għall-finijiet stabbiliti fil-paragrafu 1(c).

fil-paragrafu ***4*** għal aktar żmien milli jkun meħtieġ għall-finijiet stabbiliti fil-paragrafu 1(c).

Or. en

Emenda 470
Claude Gruffat

Proposta għal regolament
Artikolu 83 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. ***Sa fejn ikun meħtieġ*** biex jikkonformaw mal-paragrafu 1(c), il-fornituri ta' servizzi ta' pagament ***jistgħu*** jiskambjaw l-identifikatur uniku ta' benefiċjarju ma' fornituri oħra ta' servizzi ta' pagament ***li jkunu soġġetti għal arranġamenti ta' kondiviżjoni tal-informazzjoni kif imsemmi fil-paragrafu 5***, meta l-fornitur ta' servizzi ta' pagament ikollu biżżejjed evidenza biex jassumi li kien hemm tranżazzjoni ta' pagament frodulenti. Għandha tiġi preżunta biżżejjed evidenza għall-kondiviżjoni ta' identifikaturi uniċi meta mill-anqas żewġ utenti differenti ta' servizzi ta' pagament li jkunu klijenti tal-istess fornitur ta' servizzi ta' pagament ikunu infurmaw li ntuża identifikatur uniku ta' benefiċjarju biex isir trasferiment ta' kreditu frodulenti. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament ma għandhomx iżommu identifikaturi uniċi miksuba wara l-iskambju ta' informazzjoni msemmi f'dan il-paragrafu u fil-paragrafu 5 għal aktar żmien milli jkun meħtieġ għall-finijiet stabbiliti fil-paragrafu 1(c).	3. Biex jikkonformaw mal-paragrafu 1(c), il-fornituri ta' servizzi ta' pagament ***għandhom*** jiskambjaw l-identifikatur uniku ta' benefiċjarju ma' fornituri oħra ta' servizzi ta' pagament, meta l-fornitur ta' servizzi ta' pagament ikollu biżżejjed evidenza biex jassumi li kien hemm tranżazzjoni ta' pagament frodulenti. Għandha tiġi preżunta biżżejjed evidenza għall-kondiviżjoni ta' identifikaturi uniċi meta mill-anqas żewġ utenti differenti ta' servizzi ta' pagament li jkunu klijenti tal-istess fornitur ta' servizzi ta' pagament ***jew organizzazzjoni tal-konsumatur*** ikunu infurmaw li ntuża identifikatur uniku ta' benefiċjarju biex isir trasferiment ta' kreditu frodulenti. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament ma għandhomx iżommu identifikaturi uniċi miksuba wara l-iskambju ta' informazzjoni msemmi f'dan il-paragrafu u fil-paragrafu 5 għal aktar żmien milli jkun meħtieġ għall-finijiet stabbiliti fil-paragrafu 1(c).

Or. en

Emenda 471
José Gusmão, Chris MacManus
f'isem il-Grupp tax-Xellug

Proposta għal regolament
Artikolu 83 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. ***Sa fejn ikun meħtieġ*** biex jikkonformaw mal-paragrafu 1(c), il-forniturі ta' servizzi ta' pagament ***jistgħu*** jiskambjaw l-identifikatur uniku ta' benefiċjarju ma' forniturі oħra ta' servizzi ta' pagament ***li jkunu soġġetti għal arranġamenti ta' kondiviżjoni tal-informazzjoni kif imsemmi fil-paragrafu 5,*** meta l-fornitur ta' servizzi ta' pagament ikollu biżżejjed evidenza biex jassumi li kien hemm tranżazzjoni ta' pagament frodulenti. Għandha tiġi preżunta biżżejjed evidenza għall-kondiviżjoni ta' identifikaturi uniċi meta mill-anqas żewġ utenti differenti ta' servizzi ta' pagament li jkunu klijenti tal-istess fornitur ta' servizzi ta' pagament ikunu infurmaw li ntuża identifikatur uniku ta' benefiċjarju biex isir trasferiment ta' kreditu frodulenti. Il-forniturі ta' servizzi ta' pagament ma għandhomx iżommu identifikaturi uniċi miksuba wara l-iskambju ta' informazzjoni msemmi f'dan il-paragrafu u fil-paragrafu 5 għal aktar żmien milli jkun meħtieġ għall-finijiet stabbiliti fil-paragrafu 1(c).	3. Biex jikkonformaw mal-paragrafu 1(c), il-forniturі ta' servizzi ta' pagament ***għandhom*** jiskambjaw l-identifikatur uniku ta' benefiċjarju ma' forniturі oħra ta' servizzi ta' pagament meta l-fornitur ta' servizzi ta' pagament ikollu biżżejjed evidenza biex jassumi li kien hemm tranżazzjoni ta' pagament frodulenti. Għandha tiġi preżunta biżżejjed evidenza għall-kondiviżjoni ta' identifikaturi uniċi meta mill-anqas żewġ utenti differenti ta' servizzi ta' pagament li jkunu klijenti tal-istess fornitur ta' servizzi ta' pagament ***jew organizzazzjoni tal-konsumatur*** ikunu infurmaw li ntuża identifikatur uniku ta' benefiċjarju biex isir trasferiment ta' kreditu frodulenti. Il-forniturі ta' servizzi ta' pagament ma għandhomx iżommu identifikaturi uniċi miksuba wara l-iskambju ta' informazzjoni msemmi f'dan il-paragrafu u fil-paragrafu 5 għal aktar żmien milli jkun meħtieġ għall-finijiet stabbiliti fil-paragrafu 1(c).

Or. en

Ġustifikazzjoni

Consumers can now flag to PSPs where an IBAN was used for fraudulent credit transfers. PSPs can share this data with other PSPs via information sharing arrangements. This concept of information sharing should be supported but can be further improved. Information sharing can only be fully effective if all payment service providers share information. Thus, the information sharing arrangements shall become mandatory. Not only individual consumers, but also consumer organisations should be able to flag fraud cases as they often receive such information via their consumer helplines or systematically track these cases.

Emenda 472
José Manuel García-Margallo y Marfil

Proposta għal regolament
Artikolu 83 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Sa fejn ikun meħtieġ biex jikkonformaw mal-paragrafu 1(c), il-fornituri ta' servizzi ta' pagament jistgħu jiskambjaw ***l-identifikatur uniku ta' benefiċjarju*** ma' fornituri oħra ta' servizzi ta' pagament li jkunu soġġetti għal arranġamenti ta' kondiviżjoni tal-informazzjoni kif imsemmi fil-paragrafu 5, meta l-fornitur ta' servizzi ta' pagament ikollu biżżejjed evidenza biex jassumi li kien hemm tranżazzjoni ta' pagament frodulenti. Għandha tiġi preżunta biżżejjed evidenza għall-kondiviżjoni ta' ***identifikaturi uniċi*** meta mill-anqas żewġ utenti differenti ta' servizzi ta' pagament li jkunu klijenti tal-istess fornitur ta' servizzi ta' pagament ikunu infurmaw li ntuża identifikatur uniku ta' benefiċjarju biex isir trasferiment ta' kreditu frodulenti. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament ma għandhomx iżommu ***identifikaturi uniċi*** miksuba wara l-iskambju ta' informazzjoni msemmi f'dan il-paragrafu u fil-paragrafu 5 għal aktar żmien milli jkun meħtieġ għall-finijiet stabbiliti fil-paragrafu 1(c).	3. Sa fejn ikun meħtieġ biex jikkonformaw mal-paragrafu 1(c), il-fornituri ta' servizzi ta' pagament***, l-aġenti tal-infurzar tal-liġi u l-awtoritajiet pubbliċi*** jistgħu jiskambjaw ***data rilevanti għall-frodi*** ma' fornituri oħra ta' servizzi ta' pagament li jkunu soġġetti għal arranġamenti ta' kondiviżjoni tal-informazzjoni kif imsemmi fil-paragrafu 5, meta l-fornitur ta' servizzi ta' pagament ikollu biżżejjed evidenza biex jassumi li kien hemm tranżazzjoni ta' pagament frodulenti. Għandha tiġi preżunta biżżejjed evidenza għall-kondiviżjoni ta' ***data rilevanti għall-frodi*** meta mill-anqas żewġ utenti differenti ta' servizzi ta' pagament li jkunu klijenti tal-istess fornitur ta' servizzi ta' pagament ikunu infurmaw li ntuża identifikatur uniku ta' benefiċjarju biex isir trasferiment ta' kreditu frodulenti. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament ma għandhomx iżommu ***data rilevanti għall-frodi*** miksuba wara l-iskambju ta' informazzjoni msemmi f'dan il-paragrafu u fil-paragrafu 5 għal aktar żmien milli jkun meħtieġ għall-finijiet stabbiliti fil-paragrafu 1(c).

Or. en

Emenda 473
Lídia Pereira

Proposta għal regolament
Artikolu 83 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Sa fejn ikun meħtieġ biex jikkonformaw mal-paragrafu 1(c), il-fornituri ta' servizzi ta' pagament ***jistgħu*** jiskambjaw l-identifikatur uniku ta' benefiċjarju ma' fornituri oħra ta' servizzi ta' pagament li jkunu soġġetti għal arranġamenti ta' kondiviżjoni tal-informazzjoni kif imsemmi fil-paragrafu 5, meta l-fornitur ta' servizzi ta' pagament ikollu biżżejjed evidenza biex jassumi li kien hemm tranżazzjoni ta' pagament frodulenti. Għandha tiġi preżunta biżżejjed evidenza għall-kondiviżjoni ta' identifikaturi uniċi meta mill-anqas żewġ utenti differenti ta' servizzi ta' pagament li jkunu klijenti tal-istess fornitur ta' servizzi ta' pagament ikunu infurmaw li ntuża identifikatur uniku ta' benefiċjarju biex isir trasferiment ta' kreditu frodulenti. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament ma għandhomx iżommu identifikaturi uniċi miksuba wara l-iskambju ta' informazzjoni msemmi f'dan il-paragrafu u fil-paragrafu 5 għal aktar żmien milli jkun meħtieġ għall-finijiet stabbiliti fil-paragrafu 1(c).	3. Sa fejn ikun meħtieġ biex jikkonformaw mal-paragrafu 1(c), il-fornituri ta' servizzi ta' pagament ***għandhom*** jiskambjaw ***informazzjoni, inkluż*** l-identifikatur uniku ta' benefiċjarju ma' fornituri oħra ta' servizzi ta' pagament li jkunu soġġetti għal arranġamenti ta' kondiviżjoni tal-informazzjoni kif imsemmi fil-paragrafu 5, meta l-fornitur ta' servizzi ta' pagament ikollu biżżejjed evidenza biex jassumi li kien hemm tranżazzjoni ta' pagament frodulenti. Għandha tiġi preżunta biżżejjed evidenza għall-kondiviżjoni ta' identifikaturi uniċi meta mill-anqas żewġ utenti differenti ta' servizzi ta' pagament li jkunu klijenti tal-istess fornitur ta' servizzi ta' pagament ikunu infurmaw li ntuża identifikatur uniku ta' benefiċjarju biex isir trasferiment ta' kreditu frodulenti. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament ma għandhomx iżommu identifikaturi uniċi miksuba wara l-iskambju ta' informazzjoni msemmi f'dan il-paragrafu u fil-paragrafu 5 għal aktar żmien milli jkun meħtieġ għall-finijiet stabbiliti fil-paragrafu 1(c).

Or. en

Emenda 474
Ondřej Kovařík

Proposta għal regolament
Artikolu 83 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Sa fejn ikun meħtieġ biex jikkonformaw mal-paragrafu 1(c), il-fornituri ta' servizzi ta' pagament jistgħu jiskambjaw ukoll l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 3 mal-awtoritajiet pubbliċi.

Or. en

Emenda 475
Jessica Polfjärd

Proposta għal regolament
Artikolu 83 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Sa fejn ikun meħtieġ biex jikkonformaw mal-paragrafu 1(c), il-forniturі ta' servizzi ta' pagament jistgħu jiskambjaw ukoll l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 3 mal-awtoritajiet pubbliċi.

Or. en

Emenda 476
Lídia Pereira

Proposta għal regolament
Artikolu 83 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3 a. Il-forniturі ta' servizzi ta' pagament jistgħu jiskambjaw l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 3 mal-awtoritajiet pubbliċi, sabiex jikkonformaw aħjar mal-paragrafu 1(c).

Or. en

Emenda 477
José Gusmão, Chris MacManus
f'isem il-Grupp tax-Xellug

Proposta għal regolament
Artikolu 83 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-arranġamenti għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni għandhom jiddefinixxu d-dettalji għall-parteċipazzjoni u għandhom jistabbilixxu d-dettalji dwar l-elementi operazzjonali, inkluż l-użu ta' pjattaformi tal-IT ddedikati. Qabel ma jikkonkludu tali arranġamenti, il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom iwettqu b'mod konġunt valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-data kif imsemmi fl-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) 2016/679 u, fejn applikabbli, iwettqu konsultazzjoni minn qabel mal-awtorità superviżorja kif imsemmi fl-Artikolu 36 ta' dak ir-Regolament.	4. L-arranġamenti għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni għandhom jiddefinixxu d-dettalji għall-parteċipazzjoni u għandhom jistabbilixxu d-dettalji dwar l-elementi operazzjonali, inkluż l-użu ta' pjattaformi tal-IT ddedikati. Qabel ma jikkonkludu tali arranġamenti, il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom iwettqu b'mod konġunt valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-data kif imsemmi fl-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) 2016/679 u, fejn applikabbli, iwettqu konsultazzjoni minn qabel mal-awtorità superviżorja kif imsemmi fl-Artikolu 36 ta' dak ir-Regolament. ***L-arranġamenti għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni għandhom jiġu konklużi sa [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = 12-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex l-obbligu li jiġu konklużi arranġamenti għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni jsiru effettivi, għandha tiddaħħal skadenza sa meta l-arranġamenti jridu jiġu konklużi.

Emenda 478
Claude Gruffat

Proposta għal regolament
Artikolu 83 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-arranġamenti għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni għandhom jiddefinixxu d-dettalji għall-parteċipazzjoni u għandhom jistabbilixxu d-dettalji dwar l-elementi operazzjonali, inkluż l-użu ta' pjattaformi tal-IT ddedikati. Qabel ma jikkonkludu tali arranġamenti, il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom iwettqu b'mod konġunt valutazzjoni tal-	4. L-arranġamenti għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni għandhom jiddefinixxu d-dettalji għall-parteċipazzjoni u għandhom jistabbilixxu d-dettalji dwar l-elementi operazzjonali, inkluż l-użu ta' pjattaformi tal-IT ddedikati. Qabel ma jikkonkludu tali arranġamenti, il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom iwettqu b'mod konġunt valutazzjoni tal-

impatt fuq il-protezzjoni tad-data kif imsemmi fl-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) 2016/679 u, fejn applikabbli, iwettqu konsultazzjoni minn qabel mal-awtorità superviżorja kif imsemmi fl-Artikolu 36 ta' dak ir-Regolament.	impatt fuq il-protezzjoni tad-data kif imsemmi fl-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) 2016/679 u, fejn applikabbli, iwettqu konsultazzjoni minn qabel mal-awtorità superviżorja kif imsemmi fl-Artikolu 36 ta' dak ir-Regolament. ***L-arranġamenti għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni għandhom jiġu konklużi sa [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = 12-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].***

Or. en

Emenda 479
Ondřej Kovařík

Proposta għal regolament
Artikolu 83 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-arranġamenti għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni għandhom jiddefinixxu d-dettalji għall-parteċipazzjoni u għandhom jistabbilixxu d-dettalji dwar l-elementi operazzjonali, inkluż l-użu ta' pjattaformi tal-IT ddedikati. Qabel ma jikkonkludu tali arranġamenti, il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom iwettqu b'mod konġunt valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-data kif imsemmi fl-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) 2016/679 u, fejn applikabbli, iwettqu konsultazzjoni minn qabel mal-awtorità superviżorja kif imsemmi fl-Artikolu 36 ta' dak ir-Regolament.	4. L-arranġamenti għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni għandhom jiddefinixxu d-dettalji għall-parteċipazzjoni u għandhom jistabbilixxu d-dettalji dwar l-elementi operazzjonali, inkluż l-użu ta' pjattaformi tal-IT ddedikati ***jekk applikabbli***. Qabel ma jikkonkludu tali arranġamenti, il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom iwettqu b'mod konġunt valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-data kif imsemmi fl-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) 2016/679 u, fejn applikabbli, iwettqu konsultazzjoni minn qabel mal-awtorità superviżorja kif imsemmi fl-Artikolu 36 ta' dak ir-Regolament.

Or. en

Emenda 480
Jessica Polfjärd

Proposta għal regolament
Artikolu 83 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-arranġamenti għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni għandhom jiddefinixxu d-dettalji għall-parteċipazzjoni u għandhom jistabbilixxu d-dettalji dwar l-elementi operazzjonali***, inkluż l-użu ta' pjattaformi tal-IT ddedikati***. Qabel ma jikkonkludu tali arranġamenti, il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom iwettqu b'mod konġunt valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-data kif imsemmi fl-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) 2016/679 u, fejn applikabbli, iwettqu konsultazzjoni minn qabel mal-awtorità superviżorja kif imsemmi fl-Artikolu 36 ta' dak ir-Regolament.	4. L-arranġamenti għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni għandhom jiddefinixxu d-dettalji għall-parteċipazzjoni u għandhom jistabbilixxu d-dettalji dwar l-elementi operazzjonali. Qabel ma jikkonkludu tali arranġamenti, il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom iwettqu b'mod konġunt valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-data kif imsemmi fl-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) 2016/679 u, fejn applikabbli, iwettqu konsultazzjoni minn qabel mal-awtorità superviżorja kif imsemmi fl-Artikolu 36 ta' dak ir-Regolament.

Or. en

Emenda 481
José Gusmão, Chris MacManus
f'isem il-Grupp tax-Xellug

Proposta għal regolament
Artikolu 83 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Sabiex jiġi ffaċilitat l-iskambju tal-identifikaturi uniċi tal-benefiċjarji ma' fornituri ta' servizzi ta' pagament oħra, l-Awtorità Bankarja Ewropea għandha twaqqaf pjattaforma tal-IT iddedikata li tippermetti lill-fornituri ta' servizzi ta' pagament jiskambjaw l-identifikaturi uniċi tal-benefiċjarji li ntużaw biex isir trasferiment ta' kreditu frodulenti sa [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = 12-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex tiġi ffaċilitata l-kondiviżjoni tal-informazzjoni fost il-PSPs inkluż madwar l-Istati Membri, l-Awtorità Bankarja Ewropea għandha twaqqaf pjattaforma tal-IT li għandha tintuża mill-PSPs biex tikkondividi informazzjoni dwar IBANs frodulenti.

Emenda 482
Claude Gruffat

Proposta għal regolament
Artikolu 83 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Sabiex jiġi ffaċilitat l-iskambju tal-identifikatur uniku ta' benefiċjarju ma' fornituri ta' servizzi ta' pagament oħra, l-Awtorità Bankarja Ewropea għandha twaqqaf pjattaforma tal-IT iddedikata li tippermetti lill-fornituri ta' servizzi ta' pagament jiskambjaw l-identifikaturi uniċi ta' benefiċjarju li ntużaw biex isir trasferiment ta' kreditu frodulenti sa [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = 12-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Or. en

Emenda 483
Ondřej Kovařík

Proposta għal regolament
Artikolu 83 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4 a. L-EBA għandha twaqqaf pjattaforma li tippermetti lill-fornituri ta' servizzi ta' pagament jiskambjaw informazzjoni dwar identifikaturi uniċi frodulenti ma' fornituri ta' servizzi ta' pagament oħra.

Or. en

Emenda 484
Jessica Polfjärd

Proposta għal regolament
Artikolu 83 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti bil-parteċipazzjoni tagħhom fl-arranġamenti għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu ***5***, mal-validazzjoni tas-sħubija tagħhom mill-parteċipanti tal-arranġament għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni jew, kif applikabbli, bil-waqfien tas-sħubija tagħhom, ladarba dak il-waqfien jidħol fis-seħħ.	5. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti bil-parteċipazzjoni tagħhom fl-arranġamenti għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu ***4***, mal-validazzjoni tas-sħubija tagħhom mill-parteċipanti tal-arranġament għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni jew, kif applikabbli, bil-waqfien tas-sħubija tagħhom, ladarba dak il-waqfien jidħol fis-seħħ.

Or. en

Emenda 485
José Gusmão, Chris MacManus
f'isem il-Grupp tax-Xellug

Proposta għal regolament
Artikolu 83 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. Fejn frodi ta' pagament toriġina fil-pubblikazzjoni ta' kontenut frodulenti online, il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom, mingħajr dewmien bla bżonn, jinfurmaw lill-fornituri ta' servizzi ta' hosting skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) 2022/2065 [l-Att dwar is-Servizzi Diġitali].* ***Fejn il-fornitur ta' servizzi ta' pagament tal-pagatur ma jimblokkax tranżazzjoni lejn IBAN identifikat bħala frodulenti kif stabbilit f'dan l-Artikolu, il-pagatur ma għandu jġorr l-ebda telf finanzjarju

sakemm il-pagatur ma jkunx aġixxa b'mod frodulenti.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-PSPs għandhom ikunu obbligati li jikkondividu l-informazzjoni mal-pjattaformi skont il-proċedura stabbilita tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali (l-Artikolu 16 DSA u artikoli sussegwenti). Għalhekk, trid tiġi stabbilita rabta ċara bejn l-arranġamenti għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni u d-DSA. Sabiex tiġi inċentivata aktar din is-sistema ta' kondiviżjoni tal-informazzjoni u jiġi żgurat trattament ġust tal-konsumaturi, il-PSPs għandhom ikunu responsabbli mingħajr eżenzjonijiet jekk każ ta' frodi jinvolvi dan in-numru tal-IBAN wara li tkun waslet it-twissija.

Emenda 486
Claude Gruffat

Proposta għal regolament
Artikolu 83 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. Fejn frodi ta' pagament toriġina fil-pubblikazzjoni ta' kontenut frodulenti online, il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom, mingħajr dewmien bla bżonn, jinfurmaw lill-fornituri ta' servizzi ta' hosting skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) 2022/2065 [l-Att dwar is-Servizzi Diġitali].

Or. en

Emenda 487
Claude Gruffat

Proposta għal regolament
Artikolu 83 – paragrafu 5b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5b. Fejn il-fornitur ta' servizzi ta' pagament tal-pagatur ma jimblokkax

tranżazzjoni lejn IBAN identifikat bħala frodulenti kif stabbilit f'dan l-Artikolu, il-pagatur ma għandu jġorr l-ebda telf finanzjarju sakemm il-pagatur ma jkunx aġixxa b'mod frodulenti.

Or. en

Emenda 488
Chris MacManus, José Gusmão
f'isem il-Grupp tax-Xellug

Proposta għal regolament
Artikolu 83 – paragrafu 5b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5b. Fejn il-fornitur ta' servizzi ta' pagament tal-pagatur ma jimblokkax tranżazzjoni lejn IBAN identifikat bħala frodulenti kif stabbilit f'dan l-Artikolu, il-pagatur ma għandu jġorr l-ebda telf finanzjarju sakemm il-pagatur ma jkunx aġixxa b'mod frodulenti.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex tiġi inċentivata aktar din is-sistema ta' kondiviżjoni tal-informazzjoni u jiġi żgurat trattament ġust tal-konsumaturi, il-PSPs għandhom ikunu responsabbli mingħajr eżenzjonijiet jekk każ ta' frodi jinvolvi dan in-numru tal-IBAN wara li tkun waslet it-twissija.

Emenda 489
Chris MacManus, José Gusmão
f'isem il-Grupp tax-Xellug

Proposta għal regolament
Artikolu 83 – paragrafu 5c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5c. Il-forniturі ta' servizzi ta' pagament għandhom ikunu responsabbli li jipprovdu evidenza dwar jekk l-IBAN

ġiex identifikat bħala frodulenti.

Or. en

Emenda 490
José Manuel García-Margallo y Marfil

Proposta għal regolament
Artikolu 83 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-ipproċessar ta' data personali f'konformità mal-paragrafu 4 ma għandux iwassal għat-terminazzjoni tar-relazzjoni kuntrattwali mal-klijent mill-fornitur ta' servizzi ta' pagament jew jaffettwa l-onboarding futur tagħhom minn fornitur ieħor ta' servizzi ta' pagament.	6. L-ipproċessar ta' data personali f'konformità mal-paragrafu 4 ma għandux iwassal għat-terminazzjoni tar-relazzjoni kuntrattwali mal-klijent mill-fornitur ta' servizzi ta' pagament jew jaffettwa l-onboarding futur tagħhom minn fornitur ieħor ta' servizzi ta' pagament ***sakemm investigazzjoni ta' frodi bir-reqqa mwettqa mill-awtoritajiet rilevanti ma tkunx ikkonkludiet li l-klijent ipparteċipa fl-attività frodulenti***.

Or. en

Emenda 491
Caroline Nagtegaal, Esther de Lange

Proposta għal regolament
Artikolu 83 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-ipproċessar ta' data personali f'konformità mal-paragrafu 4 ma għandux iwassal għat-terminazzjoni tar-relazzjoni kuntrattwali mal-klijent mill-fornitur ta' servizzi ta' pagament jew jaffettwa l-onboarding futur tagħhom minn fornitur ieħor ta' servizzi ta' pagament.	6. L-ipproċessar ta' data personali f'konformità mal-paragrafu 4 ma għandux iwassal għat-terminazzjoni tar-relazzjoni kuntrattwali mal-klijent mill-fornitur ta' servizzi ta' pagament jew jaffettwa l-onboarding futur tagħhom minn fornitur ieħor ta' servizzi ta' pagament***, sakemm ma tkunx saret investigazzjoni ta' frodi bir-reqqa mill-bank li turi li l-klijent ipparteċipa fl-attività frodulenti***.

Or. en

Emenda 492
Claude Gruffat

Proposta għal regolament
Artikolu 83 – paragrafu 6 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6a. L-oneru tal-provi għandu jaqa' fuq il-fornituri ta' servizzi ta' pagament biex jagħtu prova li kkonformaw mar-rekwiżiti skont dan l-Artikolu.

Or. en

Emenda 493
Ondřej Kovařík

Proposta għal regolament
Artikolu 84 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom ***javżaw*** lill-klijenti tagħhom permezz tal-mezzi u l-media xierqa kollha meta jitfaċċaw forom ġodda ta' frodi fil-pagamenti, b'kont meħud tal-ħtiġijiet tal-aktar gruppi vulnerabbli ta' klijenti tagħhom. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom jagħtu lill-klijenti tagħhom indikazzjonijiet ċari dwar kif jidentifikaw tentattivi ta' frodi u jwissuhom dwar l-azzjonijiet u l-prekawzjonijiet meħtieġa li għandhom jittieħdu biex jiġi evitat li jisfaw vittmi ta' azzjonijiet frodulenti mmirati lejhom. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom jinfurmaw lill-klijenti tagħhom dwar fejn jistgħu jirrapportaw azzjonijiet frodulenti u jiksbu malajr informazzjoni relatata mal-frodi.	1. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom ***jedukaw b'mod regolari*** lill-klijenti tagħhom permezz tal-mezzi u l-media xierqa kollha ***dwar ir-riskji tal-frodi.*** Meta jitfaċċaw forom ġodda ta' frodi fil-pagamenti, b'kont meħud tal-ħtiġijiet tal-aktar gruppi vulnerabbli ta' klijenti tagħhom***, il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom jagħmlu l-aħjar sforz biex iwissu lill-klijenti tagħhom bil-mezzi xierqa kollha***. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom jagħtu lill-klijenti tagħhom indikazzjonijiet ċari dwar kif jidentifikaw tentattivi ta' frodi u jwissuhom dwar l-azzjonijiet u l-prekawzjonijiet meħtieġa li għandhom jittieħdu biex jiġi evitat li jisfaw vittmi ta' azzjonijiet frodulenti mmirati lejhom. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom jinfurmaw lill-klijenti tagħhom dwar fejn jistgħu

jirrapportaw azzjonijiet frodulenti u jiksbu malajr informazzjoni relatata mal-frodi.

Or. en

Emenda 494
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Artikolu 84 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom jorganizzaw mill-anqas darba fis-sena programmi ta' taħriġ dwar ir-riskji u x-xejriet tal-frodi fil-pagamenti għall-impjegati tagħhom u għandhom jiżguraw li l-impjegati tagħhom ikunu mħarrġa b'mod adegwat biex iwettqu l-kompiti u r-responsabbiltajiet tagħhom f'konformità mal-politiki u l-proċeduri ta' sigurtà rilevanti biex jimmitigaw u jimmaniġġjaw ir-riskji ta' frodi fil-pagamenti.	2. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom jorganizzaw mill-anqas darba fis-sena programmi ta' taħriġ dwar ir-riskji u x-xejriet tal-frodi fil-pagamenti għall-impjegati tagħhom ***li huma attivi fid-disinn u ż-żamma tas-servizzi ta' pagament u joffruhom lill-klijenti*** u għandhom jiżguraw li l-impjegati tagħhom ikunu mħarrġa b'mod adegwat biex iwettqu l-kompiti u r-responsabbiltajiet tagħhom f'konformità mal-politiki u l-proċeduri ta' sigurtà rilevanti biex jimmitigaw u jimmaniġġjaw ir-riskji ta' frodi fil-pagamenti.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan l-obbligu għandu jkun immirat lejn dawk l-impjegati involuti fil-forniment ta' servizzi ta' pagament.

Emenda 495
Claude Gruffat

Proposta għal regolament
Artikolu 84a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 84a

Obbligi tal-fornituri ta' servizzi ta' pagament u tal-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni elettronika fil-prevenzjoni tal-frodi ta' personifikazzjoni

1. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament, f'kooperazzjoni mal-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni elettronika, għandhom jieħdu salvagwardji ta' prevenzjoni adegwati u tekniċi robusti biex jipprevjenu każijiet fejn frodisti jirreplikaw u jużaw ħażin l-isem, l-indirizz tal-posta jew in-numru tat-telefon tal-fornitur ta' servizzi ta' pagament biex iqarrqu lill-utenti ta' servizzi ta' pagament jagħmlu tranżazzjonijiet frodulenti.

2. Il-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni elettronika għandhom jikkooperaw mal-fornituri ta' servizzi ta' pagament biex jiżguraw li l-miżuri organizzattivi u tekniċi xierqa jkunu fis-seħħ biex jissalvagwardjaw is-sigurtà u l-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet skont id-Direttiva 2002/58/KE, inkluż fir-rigward tal-identifikazzjoni tal-linja tat-telefon u l-indirizz tal-posta elettronika.

Or. en

Emenda 496
Ondřej Kovařík

Proposta għal regolament
Artikolu 85 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Fornitur ta' servizzi ta' pagament għandu japplika awtentikazzjoni qawwija tal-konsumatur meta l-pagatur:	1. Fornitur ta' servizzi ta' pagament għandu japplika awtentikazzjoni qawwija tal-konsumatur***, abbażi tal-valutazzjoni tar-riskju mwettqa skont mekkaniżmu ta' monitoraġġ tat-tranżazzjonijiet kif stabbilit fl-Artikolu 83,*** meta l-pagatur:

Or. en

Emenda 497
Eugen Jurzyca

Proposta għal regolament
Artikolu 85 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jaċċessa informazzjoni dwar il-kont ta' pagament;	***imħassar***

Or. en

Emenda 498
Lídia Pereira

Proposta għal regolament
Artikolu 85 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jaċċessa informazzjoni dwar il-kont ta' pagament;	***imħassar***

Or. en

Emenda 499
Eugen Jurzyca

Proposta għal regolament
Artikolu 85 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Rekwiżit ta' awtentikazzjoni qawwija tal-konsumatur ma japplikax f'każijiet ta' falliment tekniku li fih fornitur ta' pagament għandu japplika l-aħjar sforz biex jawtentika l-pagatur u għandu japplika awtentikazzjoni qawwija tal-konsumatur immedjatament wara li jsolvi l-falliment tekniku.

Or. en

Emenda 500
Marek Belka, Paul Tang, René Repasi

Proposta għal regolament
Artikolu 85 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Il-pagaturi ma għandhomx jesperjenzaw awtentikazzjoni qawwija tal-konsumatur aktar minn darba fi vjaġġ uniku ta' konsumatur jekk il-fiduċja li toħloq tista' terġa' tintuża minn partijiet involuti mingħajr ma tkun detrimentali għas-sigurtà, għall-protezzjoni tad-data jew għad-drittijiet tal-konsumatur.

Or. en

Emenda 501
Frances Fitzgerald

Proposta għal regolament
Artikolu 85 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. It-tranżazzjonijiet ta' pagament li ma jinbdewx mill-pagatur iżda mill-benefiċjarju biss ma għandhomx ikunu soġġetti għal awtentikazzjoni qawwija tal-konsumatur sal-punt li dawk it-tranżazzjonijiet jinbdew mingħajr ebda interazzjoni jew involviment tal-pagatur.	2. It-tranżazzjonijiet ta' pagament li ma jinbdewx mill-pagatur iżda mill-benefiċjarju biss ma għandhomx ikunu soġġetti għal awtentikazzjoni qawwija tal-konsumatur sal-punt li dawk it-tranżazzjonijiet jinbdew mingħajr ebda interazzjoni jew involviment tal-pagatur. ***Tali eżenzjonijiet għandhom japplikaw ukoll għal rimborżi li jinbdew mill-benefiċjarju oriġinali lejn il-pagatur.***

Or. en

Emenda 502
Eugen Jurzyca

Proposta għal regolament
Artikolu 85 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. It-tranżazzjonijiet ta' pagament li għalihom il-benefiċjarju jagħmel ordnijiet ta' pagament li jkunu bbażati fuq il-mandat mogħti mill-pagatur għandhom ikunu soġġetti għad-dispożizzjonijiet ġenerali li japplikaw għat-tranżazzjonijiet mibdija mill-benefiċjarju kif imsemmi fl-Artikoli 61, 62 u 63.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-dritt inkondizzjonat għal rimborż fi 8 ġimgħat ma għandux japplika għal MIT.

Emenda 503
Eugen Jurzyca

Proposta għal regolament
Artikolu 85 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Fejn il-mandat tal-pagatur lill-benefiċjarju biex jagħmel ordnijiet ta' pagament għat-tranżazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 3 jiġi pprovdut permezz ta' kanal remot ***bl-involviment tal-fornitur ta' servizzi ta' pagament***, l-istabbiliment ta' tali mandat għandu jkun soġġett għal awtentikazzjoni qawwija tal-konsumatur.	5. Fejn il-mandat tal-pagatur lill-benefiċjarju biex jagħmel ordnijiet ta' pagament għat-tranżazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 3 jiġi pprovdut permezz ta' kanal remot, l-istabbiliment ta' tali mandat għandu jkun soġġett għal awtentikazzjoni qawwija tal-konsumatur.

Or. en

Emenda 504
Eugen Jurzyca

Proposta għal regolament
Artikolu 85 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Għad-debiti diretti, fejn il-mandat mogħti mill-pagatur lill-benefiċjarju biex jibda tranżazzjoni waħda jew aktar ta' debitu dirett jiġi pprovdut permezz ta' kanal remot ***bl-involviment dirett ta' fornitur ta' servizzi ta' pagament fl-istabbiliment ta' tali mandat***, għandha tiġi applikata awtentikazzjoni qawwija tal-konsumatur.	6. Għad-debiti diretti ***kif imsemmija fl-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) Nru 260/2012***, fejn il-mandat mogħti mill-pagatur lill-benefiċjarju biex jibda tranżazzjoni waħda jew aktar ta' debitu dirett jiġi pprovdut permezz ta' kanal remot, għandha tiġi applikata awtentikazzjoni qawwija tal-konsumatur.

Or. en

Emenda 505
Marek Belka, Paul Tang, René Repasi

Proposta għal regolament
Artikolu 85 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. It-tranżazzjonijiet ta' pagament li għalihom l-ordnijiet ta' pagament isiru mill-pagatur b'modalitajiet oħra għajr l-użu ta' pjattaformi jew apparati elettroniċi, bħal ordnijiet ta' pagament ibbażati fuq karta, ordnijiet bil-posta jew ordnijiet bit-telefon, ma għandhomx ikunu soġġetti għal awtentikazzjoni qawwija tal-konsumatur, irrispettivament minn jekk l-eżekuzzjoni tat-tranżazzjoni ssirx elettronikament jew le, dment li r-rekwiżiti u l-kontrolli tas-sigurtà jitwettqu mill-fornitur ta' servizzi ta' pagament tal-pagatur li jippermetti forma ***ta'*** awtentikazzjoni tat-tranżazzjoni ta' pagament.	7. It-tranżazzjonijiet ta' pagament li għalihom l-ordnijiet ta' pagament isiru mill-pagatur b'modalitajiet oħra għajr l-użu ta' pjattaformi jew apparati elettroniċi, bħal ordnijiet ta' pagament ibbażati fuq karta, ordnijiet bil-posta jew ordnijiet bit-telefon, ma għandhomx ikunu soġġetti għal awtentikazzjoni qawwija tal-konsumatur, irrispettivament minn jekk l-eżekuzzjoni tat-tranżazzjoni ssirx elettronikament jew le, dment li r-rekwiżiti u l-kontrolli tas-sigurtà jitwettqu mill-fornitur ta' servizzi ta' pagament tal-pagatur li jippermetti forma ***oħra għajr*** awtentikazzjoni ***qawwija tal-konsumatur għall-awtentikazzjoni*** tat-tranżazzjoni ta' pagament. ***Il-forom possibbli ta' awtentikazzjoni f'każijiet bħal dawn għandhom jiġu deskritti mill-awtorità kompetenti nazzjonali.***

Or. en

Emenda 506
Ondřej Kovařík

Proposta għal regolament
Artikolu 85 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. It-tranżazzjonijiet ta' pagament li għalihom l-ordnijiet ta' pagament isiru mill-pagatur b'modalitajiet oħra għajr l-użu ta' pjattaformi jew apparati elettroniċi, bħal ordnijiet ta' pagament ibbażati fuq karta, ordnijiet bil-posta jew ***ordnijiet bit-telefon***, ma għandhomx ikunu soġġetti għal awtentikazzjoni qawwija tal-konsumatur, irrispettivament minn jekk l-eżekuzzjoni tat-tranżazzjoni ssirx elettronikament jew le, dment li r-rekwiżiti u l-kontrolli tas-sigurtà jitwettqu mill-fornitur ta' servizzi ta' pagament tal-pagatur li jippermetti forma ta' awtentikazzjoni tat-tranżazzjoni ta' pagament.	7. It-tranżazzjonijiet ta' pagament li għalihom l-ordnijiet ta' pagament isiru mill-pagatur b'modalitajiet oħra għajr l-użu ta' pjattaformi jew apparati elettroniċi, bħal ordnijiet ta' pagament ibbażati fuq karta, ordnijiet bil-posta jew ***mekkaniżmi bbażati fuq it-telefon***, ma għandhomx ikunu soġġetti għal awtentikazzjoni qawwija tal-konsumatur, irrispettivament minn jekk l-eżekuzzjoni tat-tranżazzjoni ssirx elettronikament jew le, dment li r-rekwiżiti u l-kontrolli tas-sigurtà jitwettqu mill-fornitur ta' servizzi ta' pagament tal-pagatur li jippermetti forma ta' awtentikazzjoni tat-tranżazzjoni ta' pagament.

Or. en

Emenda 507
Ondřej Kovařík

Proposta għal regolament
Artikolu 85 – paragrafu 11 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
11. Kwalunkwe eżenzjoni mill-applikazzjoni ta' awtentikazzjoni qawwija tal-konsumatur li għandha titfassal mill-EBA skont l-Artikolu 89 għandha tkun ibbażata fuq ***wieħed jew aktar mill-kriterji li ġejjin:***	11. Kwalunkwe eżenzjoni mill-applikazzjoni ta' awtentikazzjoni qawwija tal-konsumatur li għandha titfassal mill-EBA skont l-Artikolu 89 għandha tkun ibbażata fuq ***il-valutazzjoni tar-riskju mwettqa skont il-mekkaniżmi ta' monitoraġġ tat-tranżazzjonijiet skont l-Artikolu 83 ta' dan ir-Regolament.***

Or. en

Emenda 508
Ondřej Kovařík

Proposta għal regolament
Artikolu 85 – paragrafu 11 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-livell ta' riskju involut fis-servizz ipprovdut;	***imħassar***

Or. en

Emenda 509
Ondřej Kovařík

Proposta għal regolament
Artikolu 85 – paragrafu 11 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-ammont, ir-rikorrenza tat-tranżazzjoni, jew it-tnejn li huma;	***imħassar***

Or. en

Emenda 510
Ondřej Kovařík

Proposta għal regolament
Artikolu 85 – paragrafu 11 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) il-mezz ta' pagament użat għall-eżekuzzjoni tat-tranżazzjoni.	***imħassar***

Or. en

Emenda 511
Lídia Pereira

Proposta għal regolament
Artikolu 85 – paragrafu 11 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) jekk il-partijiet li jwettqu t-tranżazzjoni humiex klijenti jew pagaturi korporattivi.

Or. en

Emenda 512
Frances Fitzgerald

Proposta għal regolament
Artikolu 85 – paragrafu 11 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) it-tip ta' utent ta' servizzi ta' pagament (konsumatur jew korporazzjoni).

Or. en

Ġustifikazzjoni

Regoli ta' awtentikazzjoni qawwija tal-konsumaturi – u l-eżenzjonijiet minnhom – għandhom jiġu adattati għall-ambjenti korporattivi.

Emenda 513
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Artikolu 85 – paragrafu 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
12. Iż-żewġ elementi jew aktar imsemmija fl-Artikolu 3(35), li fuqhom għandha tkun ibbażata l-awtentikazzjoni qawwija tal-konsumatur mhux neċessarjament iridu jappartjenu għal kategoriji differenti, sakemm l-indipendenza tagħhom tkun ippreservata	***imħassar***

b'mod sħiħ.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Is-sigurtà ġenerali tar-reġim SCA titjieb jekk ikun hemm elementi SCA minn kategoriji differenti.

Emenda 514
Eugen Jurzyca

Proposta għal regolament
Artikolu 85 – paragrafu 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
12. Iż-żewġ elementi jew aktar imsemmija fl-Artikolu 3(35), li fuqhom għandha tkun ibbażata l-awtentikazzjoni qawwija tal-konsumatur mhux neċessarjament iridu jappartjenu għal kategoriji differenti, sakemm l-indipendenza tagħhom tkun ippreservata b'mod sħiħ.	12. Iż-żewġ elementi jew aktar imsemmija fl-Artikolu 3(35), li fuqhom għandha tkun ibbażata l-awtentikazzjoni qawwija tal-konsumatur mhux neċessarjament iridu jappartjenu għal kategoriji differenti, sakemm l-indipendenza tagħhom tkun ippreservata b'mod sħiħ. ***Madankollu, il-fornituri ta' servizzi ta' pagament ma għandhomx jużaw żewġ elementi kkategorizzati bħala għarfien.***

Or. en

Emenda 515
Marek Belka, Paul Tang, René Repasi

Proposta għal regolament
Artikolu 85 – paragrafu 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
12. Iż-żewġ elementi jew aktar imsemmija fl-Artikolu 3(35), li fuqhom għandha tkun ibbażata l-awtentikazzjoni qawwija tal-konsumatur ***mhux neċessarjament*** iridu jappartjenu għal kategoriji differenti, ***sakemm*** l-	12. Iż-żewġ elementi jew aktar imsemmija fl-Artikolu 3(35), li fuqhom għandha tkun ibbażata l-awtentikazzjoni qawwija tal-konsumatur iridu jappartjenu għal kategoriji differenti, ***ħlief meta jkunu bbażati fuq il-kategorija ta' inerenza.*** L-

indipendenza ***tagħhom*** tkun ippreservata b'mod sħiħ.	indipendenza ***tal-elementi trid dejjem*** tkun ippreservata b'mod sħiħ.

Or. en

Emenda 516
Ondřej Kovařík

Proposta għal regolament
Artikolu 85 – paragrafu 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
12. Iż-żewġ elementi jew aktar imsemmija fl-Artikolu 3(35), li fuqhom għandha tkun ibbażata l-awtentikazzjoni qawwija tal-konsumatur mhux neċessarjament iridu jappartjenu għal kategoriji differenti, sakemm ***l-indipendenza tagħhom tkun ippreservata b'mod sħiħ***.	12. Iż-żewġ elementi jew aktar imsemmija fl-Artikolu 3(35), li fuqhom għandha tkun ibbażata l-awtentikazzjoni qawwija tal-konsumatur mhux neċessarjament iridu jappartjenu għal kategoriji differenti, sakemm ***il-proċedura ta' awtentikazzjoni tiżgura livell għoli ta' sigurtà***.

Or. en

Emenda 517
Claude Gruffat

Proposta għal regolament
Artikolu 85 – paragrafu 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
12. Iż-żewġ elementi jew aktar imsemmija fl-Artikolu 3(35), li fuqhom għandha tkun ibbażata l-awtentikazzjoni qawwija tal-konsumatur ***mhux neċessarjament iridu*** jappartjenu għal kategoriji differenti***, sakemm*** l-indipendenza tagħhom tkun ippreservata b'mod sħiħ.	12. Iż-żewġ elementi jew aktar imsemmija fl-Artikolu 3(35), li fuqhom għandha tkun ibbażata l-awtentikazzjoni qawwija tal-konsumatur ***għandhom*** jappartjenu għal ***mill-inqas żewġ*** kategoriji differenti ***u*** l-indipendenza tagħhom ***għandha*** tkun ippreservata b'mod sħiħ.

Or. en

Emenda 518
Frances Fitzgerald, Lídia Pereira

Proposta għal regolament
Artikolu 85 – paragrafu 12 – subparagrafu 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-element ta' inerenza tal-awtentikazzjoni qawwija tal-konsumatur jista' jinkludi karatteristiċi ambjentali u ta' mġiba bħal dawk relatati mal-post tal-utent ta' servizzi ta' pagament, il-ħin tat-tranżazzjoni, l-apparat li jkun qed jintuża, id-drawwiet tal-infiq, il-ħanut online fejn isir ix-xiri.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan ikun jibbenefika b'mod partikolari lil konsumaturi vulnerabbli jew anzjani li jistgħu jsibuha diffiċli jikkompletaw passi oħra ta' awtentikazzjoni.

Emenda 519
Jessica Polfjärd

Proposta għal regolament
Artikolu 85 – paragrafu 12a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	12a. L-Istati Membri jistgħu jkollhom rekwiżiti addizzjonali dwar il-metodu li fuqu jiddependu l-fornituri ta' servizzi ta' pagament biex jiksbu awtentikazzjoni qawwija tal-konsumaturi meta l-pagatur jagħmel ordni ta' pagament għal tranżazzjoni ta' pagament elettroniku skont il-paragrafu 1(c).

Or. en

Emenda 520
Marek Belka, Paul Tang, René Repasi

Proposta għal regolament
Artikolu 86 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Artikolu ***85(9)*** għandu japplika wkoll meta l-pagamenti jinbdew permezz ta' fornitur ta' servizzi ta' bidu ta' pagament. L-Artikolu 85(10) għandu japplika wkoll meta l-pagamenti jinbdew permezz ta' fornitur ta' servizzi ta' bidu ta' pagament u meta l-informazzjoni tintalab permezz ta' fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni dwar il-kontijiet.	1. L-Artikolu ***85(8) u (9)*** għandu japplika wkoll meta l-pagamenti jinbdew permezz ta' fornitur ta' servizzi ta' bidu ta' pagament. L-Artikolu 85(10) għandu japplika wkoll meta l-pagamenti jinbdew permezz ta' fornitur ta' servizzi ta' bidu ta' pagament u meta l-informazzjoni tintalab permezz ta' fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni dwar il-kontijiet.

Or. en

Emenda 521
Eugen Jurzyca

Proposta għal regolament
Artikolu 86 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2, fejn l-informazzjoni dwar il-kont ta' pagament tiġi aċċessata minn fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni dwar il-kontijiet, il-fornitur ta' servizzi ta' pagament li jġestixxi l-kont għandu japplika biss awtentikazzjoni qawwija tal-konsumatur għall-ewwel aċċess għad-data tal-kont ta' pagament minn fornitur partikolari ta' servizzi ta' informazzjoni dwar il-kontijiet, sakemm il-fornitur ta' servizzi ta' pagament li jġestixxi l-kont ma jkollux raġunijiet raġonevoli biex jissuspetta frodi, iżda mhux għall-aċċess sussegwenti għal dak il-kont ta' pagament minn dak il-fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni dwar il-kontijiet.	***imħassar***

Or. en

Emenda 522
Eugen Jurzyca

Proposta għal regolament
Artikolu 86 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Sakemm il-fornitur ta' servizzi ta' pagament li jġestixxi l-kont ma jkollux raġunijiet raġonevoli biex jissuspetta frodi, il-fornituri ta' servizzi ta' informazzjoni dwar il-kontijiet għandhom japplikaw l-awtentikazzjoni qawwija tal-konsumatur proprja tagħhom meta l-utent ta' servizzi ta' pagament jaċċessa l-informazzjoni dwar il-kont ta' pagament miksuba minn dak il-fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni dwar il-kontijiet mill-anqas 180 jum wara li tkun ġiet applikata l-aħħar awtentikazzjoni qawwija tal-konsumatur.	***imħassar***

Or. en

Emenda 523
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Artikolu 86 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Sakemm il-fornitur ta' servizzi ta' pagament li jġestixxi l-kont ma jkollux raġunijiet raġonevoli biex jissuspetta frodi, il-fornituri ta' servizzi ta' informazzjoni dwar il-kontijiet għandhom japplikaw l-awtentikazzjoni qawwija tal-konsumatur proprja tagħhom meta l-utent ta' servizzi ta' pagament jaċċessa l-informazzjoni dwar il-kont ta' pagament miksuba minn dak il-fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni dwar il-kontijiet mill-anqas 180 jum wara li tkun ġiet applikata l-aħħar awtentikazzjoni qawwija tal-	***imħassar***

konsumatur.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ma għandux ikun obbligatorju għall-ASPSPs li jippermettu lill-AISPs iwettqu l-awtentikazzjoni qawwija tal-konsumatur tagħhom billi dan jista' jkun detrimentali għas-sigurtà tar-reġim. Tali arranġament għandu jkun maqbul bilateralment bejn iż-żewġ partijiet.

Emenda 524
Lídia Pereira

Proposta għal regolament
Artikolu 87

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 87	***imħassar***
Ftehimiet ta' esternalizzazzjoni għall-applikazzjoni ta' awtentikazzjoni qawwija tal-konsumatur	
Fornitur ta' servizzi ta' pagament ta' pagatur għandu jidħol fi ftehim ta' esternalizzazzjoni mal-fornitur ta' servizzi tekniċi tiegħu f'każ li dak il-fornitur ta' servizzi tekniċi jkun qed jipprovdi u jivverifika l-elementi ta' awtentikazzjoni qawwija tal-konsumatur. Il-fornitur ta' servizzi ta' pagament ta' pagatur għandu, taħt tali ftehim, iżomm ir-responsabbiltà sħiħa għal kwalunkwe nuqqas ta' applikazzjoni ta' awtentikazzjoni qawwija tal-konsumatur u jkollu d-dritt li jawditja u jikkontrolla d-dispożizzjonijiet dwar is-sigurtà.	

Or. en

Emenda 525
Eugen Jurzyca

Proposta għal regolament
Artikolu 87 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fornitur ta’ servizzi ta’ pagament ta’ pagatur għandu jidħol fi ftehim ta’ esternalizzazzjoni mal-fornitur ta’ servizzi tekniċi tiegħu f’każ li dak il-fornitur ta’ servizzi tekniċi jkun qed jipprovdi u jivverifika l-elementi ta’ awtentikazzjoni qawwija tal-konsumatur. Il-fornitur ta’ servizzi ta’ pagament ta’ pagatur għandu, taħt tali ftehim, iżomm ir-responsabbiltà sħiħa għal kwalunkwe nuqqas ta’ applikazzjoni ta’ awtentikazzjoni qawwija tal-konsumatur u jkollu d-dritt li jawditja u jikkontrolla d-dispożizzjonijiet dwar is-sigurtà.	Fornitur ta’ servizzi ta’ pagament ta’ pagatur għandu jidħol fi ftehim ta’ esternalizzazzjoni mal-fornitur ta’ servizzi tekniċi tiegħu f’każ li dak il-fornitur ta’ servizzi tekniċi jkun qed jipprovdi u jivverifika l-elementi ***ta’ awtentikazzjoni qawwija tal-konsumatur u l-fornitur ta’ servizzi ta’ pagament tal-pagatur ma jkollux il-kontroll*** ta’ awtentikazzjoni qawwija tal-konsumatur. Il-fornitur ta’ servizzi ta’ pagament ta’ pagatur għandu, taħt tali ftehim, iżomm ir-responsabbiltà sħiħa għal kwalunkwe nuqqas ta’ applikazzjoni ta’ awtentikazzjoni qawwija tal-konsumatur u jkollu d-dritt li jawditja u jikkontrolla d-dispożizzjonijiet dwar is-sigurtà.

Or. en

Emenda 526
Ondřej Kovařík

Proposta għal regolament
Artikolu 87 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fornitur ta’ servizzi ta’ pagament ta’ pagatur għandu ***jidħol fi ftehim*** ta’ esternalizzazzjoni ***mal-fornitur*** ta’ servizzi tekniċi tiegħu ***f’każ li dak il-fornitur ta’ servizzi tekniċi jkun qed jipprovdi u jivverifika l-elementi ta’*** awtentikazzjoni qawwija tal-konsumatur. Il-fornitur ta’ servizzi ta’ pagament ta’ pagatur għandu***, taħt tali ftehim, iżomm*** ir-responsabbiltà sħiħa għal kwalunkwe nuqqas ta’ applikazzjoni ta’ awtentikazzjoni qawwija tal-konsumatur u jkollu d-dritt li jawditja u jikkontrolla d-dispożizzjonijiet dwar is-sigurtà.	Fornitur ta’ servizzi ta’ pagament ta’ pagatur għandu ***jikkonforma mal-linji gwida eżistenti tal-EBA dwar l-arranġamenti*** ta’ esternalizzazzjon ***(EBA/GL/2019/02) fil-każ li l-fornitur*** ta’ servizzi tekniċi tiegħu ***jkun qed iwettaq*** awtentikazzjoni qawwija tal-konsumatur ***fuq bażi esternalizzata f’isem il-fornitur ta’ servizzi ta’ pagament***. ***F’ċirkostanzi bħal dawn,*** il-fornitur ta’ servizzi ta’ pagament ta’ pagatur għandu ***jżomm*** ir-responsabbiltà sħiħa għal kwalunkwe nuqqas ta’ applikazzjoni ta’ awtentikazzjoni qawwija tal-konsumatur u jkollu d-dritt li jawditja u jikkontrolla d-

dispożizzjonijiet dwar is-sigurtà.

Or. en

Emenda 527
Frances Fitzgerald

Proposta għal regolament
Artikolu 87 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fornitur ta' servizzi ta' pagament ta' pagatur għandu jidħol fi ftehim ta' esternalizzazzjoni mal-fornitur ta' servizzi tekniċi tiegħu f'każ li dak il-fornitur ta' servizzi tekniċi jkun qed jipprovdi u jivverifika l-elementi ta' awtentikazzjoni qawwija tal-konsumatur. Il-fornitur ta' servizzi ta' pagament ta' pagatur għandu, taħt tali ftehim***, iżomm ir-responsabbiltà shiħa għal kwalunkwe nuqqas ta' applikazzjoni ta' awtentikazzjoni qawwija tal-konsumatur u jkollu*** d-dritt li jawditja u jikkontrolla d-dispożizzjonijiet dwar is-sigurtà.	Fornitur ta' servizzi ta' pagament ta' pagatur għandu jidħol fi ftehim ta' esternalizzazzjoni mal-fornitur ta' servizzi tekniċi tiegħu f'każ li dak il-fornitur ta' servizzi tekniċi jkun qed jipprovdi u jivverifika l-elementi ta' awtentikazzjoni qawwija tal-konsumatur. Il-fornitur ta' servizzi ta' pagament ta' pagatur għandu, taħt tali ftehim ***ikollu*** d-dritt li jawditja u jikkontrolla d-dispożizzjonijiet dwar is-sigurtà.

Or. en

Emenda 528
Eugen Jurzyca

Proposta għal regolament
Artikolu 87 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-esternalizzazzjoni mill-fornitur ta' servizzi ta' pagament ta' pagatur tal-awtentikazzjoni qawwija tal-konsumaturi skont il-paragrafu 1 mhijiex esternalizzazzjoni tal-funzjonijiet kritiċi jew importanti ta' fornitur ta' servizzi ta' pagament ta' pagatur.

Or. en

Emenda 529
Eugen Jurzyca

Proposta għal regolament
Artikolu 87 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Fornitur ta' servizz ta' pagament ta' pagatur jista' jitħalla jidħol fi ftehimiet ta' esternalizzazzjoni multilaterali jew skalabbli sabiex fornituri ta' servizzi tekniċi jkunu awtorizzati li jipprovdu u jivverifikaw l-elementi ta' awtentikazzjoni qawwija tal-konsumatur skont il-paragrafu 1.

Or. en

Emenda 530
Eugen Jurzyca

Proposta għal regolament
Artikolu 87 – paragrafu 1c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-paragrafu 1 ma japplikax għal servizzi tekniċi għall-awtentikazzjoni qawwija tal-konsumaturi li huma fornuti mill-operaturi ta' skemi ta' pagament.

Or. en

Emenda 531
Ondřej Kovařík

Proposta għal regolament
Artikolu 88 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-fornituri ta’ servizzi ta’ pagament ma għandhomx jagħmlu t-twettiq tal-awtentikazzjoni qawwija tal-konsumatur dipendenti fuq l-użu esklużiv ta’ mezz uniku ta’ awtentikazzjoni u ma għandhomx jagħmlu t-twettiq tal-awtentikazzjoni qawwija tal-konsumatur jiddependi, b’mod espliċitu jew impliċitu, fuq il-pussess ta’ smartphone. Il-forniturі ta’ servizzi ta’ pagament għandhom jiżviluppaw diversità ta’ mezzi għall-applikazzjoni ta’ awtentikazzjoni qawwija tal-konsumatur biex jilqgħu għas-sitwazzjoni ***speċifika*** tal-klijenti kollha tagħhom.	2. Il-forniturі ta’ servizzi ta’ pagament ma għandhomx jagħmlu t-twettiq tal-awtentikazzjoni qawwija tal-konsumatur dipendenti fuq l-użu esklużiv ta’ mezz uniku ta’ awtentikazzjoni u ma għandhomx jagħmlu t-twettiq tal-awtentikazzjoni qawwija tal-konsumatur jiddependi, b’mod espliċitu jew impliċitu, fuq il-pussess ta’ smartphone. Il-forniturі ta’ servizzi ta’ pagament għandhom jiżviluppaw diversità ta’ mezzi għall-applikazzjoni ta’ awtentikazzjoni qawwija tal-konsumatur biex jilqgħu għas-sitwazzjoni tal-klijenti kollha tagħhom***, b’mod speċifiku dawk b’diżabbiltà, dawk b’ħiliet diġitali baxxi, dawk akbar fl-età u dawk li ma għandhomx aċċess għal kanali diġitali jew strumenti ta’ pagament***.

Or. en

Emenda 532
Claude Gruffat

Proposta għal regolament
Artikolu 88 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-forniturі ta’ servizzi ta’ pagament ma għandhomx jagħmlu t-twettiq tal-awtentikazzjoni qawwija tal-konsumatur dipendenti fuq l-użu esklużiv ta’ mezz uniku ta’ awtentikazzjoni u ma għandhomx jagħmlu t-twettiq tal-awtentikazzjoni qawwija tal-konsumatur jiddependi, b’mod espliċitu jew impliċitu, fuq il-pussess ta’ smartphone. Il-forniturі ta’ servizzi ta’ pagament għandhom jiżviluppaw diversità ta’ mezzi għall-applikazzjoni ta’ awtentikazzjoni qawwija tal-konsumatur biex jilqgħu għas-sitwazzjoni speċifika tal-klijenti kollha tagħhom.	2. Il-forniturі ta’ servizzi ta’ pagament ma għandhomx jagħmlu t-twettiq tal-awtentikazzjoni qawwija tal-konsumatur dipendenti fuq l-użu esklużiv ta’ mezz uniku ta’ awtentikazzjoni u ma għandhomx jagħmlu t-twettiq tal-awtentikazzjoni qawwija tal-konsumatur jiddependi, b’mod espliċitu jew impliċitu, fuq il-pussess ta’ smartphone ***jew apparati intelliġenti oħra***. Il-forniturі ta’ servizzi ta’ pagament għandhom jiżviluppaw diversità ta’ mezzi għall-applikazzjoni ta’ awtentikazzjoni qawwija tal-konsumatur biex jilqgħu għas-sitwazzjoni speċifika tal-klijenti kollha

tagħhom.

Or. en

Emenda 533
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Artikolu 88 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament ma għandhomx jagħmlu t-twettiq tal-awtentikazzjoni qawwija tal-konsumatur dipendenti fuq l-użu esklużiv ta' mezz uniku ta' awtentikazzjoni u ma għandhomx jagħmlu t-twettiq tal-awtentikazzjoni qawwija tal-konsumatur jiddependi, b'mod espliċitu jew impliċitu, fuq il-pussess ta' smartphone. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom jiżviluppaw ***diversità ta' mezzi*** għall-applikazzjoni ta' awtentikazzjoni qawwija tal-konsumatur biex jilqgħu għas-sitwazzjoni speċifika tal-klijenti kollha tagħhom.	2. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament ma għandhomx jagħmlu t-twettiq tal-awtentikazzjoni qawwija tal-konsumatur dipendenti fuq l-użu esklużiv ta' mezz uniku ta' awtentikazzjoni u ma għandhomx jagħmlu t-twettiq tal-awtentikazzjoni qawwija tal-konsumatur jiddependi, b'mod espliċitu jew impliċitu, fuq il-pussess ta' smartphone. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom jiżviluppaw ***iżjed minn mezz wieħed*** għall-applikazzjoni ta' awtentikazzjoni qawwija tal-konsumatur biex jilqgħu għas-sitwazzjoni speċifika tal-klijenti kollha tagħhom.

Or. en

Emenda 534
Claude Gruffat

Proposta għal regolament
Artikolu 88 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Il-mezzi kollha ta' awtentikazzjoni għandhom jiġu pprovduti mingħajr ħlas.

Or. en

Emenda 535
Lídia Pereira

Proposta għal regolament
Artikolu 88a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 88a
	Aċċess ġust, raġonevoli u mhux diskriminatorju għal apparati mobbli
	1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 6(7) tar-Regolament (UE) 2022/1925 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2022 dwar swieq kontestabbli u ġusti fis-settur diġitali u li jemenda d-Direttivi (UE) 2019/1937 u (UE) 2020/1828, il-manifatturi ta' tagħmir oriġinali tal-apparati mobbli u l-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni elettronika skont it-tifsira tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva (UE) 2018/1972 għandhom jippermettu lill-fornituri ta' servizzi front-end interoperabbiltà effettiva mal-karatteristiċi tekniċi, u aċċess għall-finijiet tal-interoperabbiltà tagħhom, meħtieġa għall-ħżin u t-trasferiment tad-data biex jiġu pproċessati tranżazzjonijiet ta' pagament, fuq termini ġusti, raġonevoli u mhux diskriminatorji.
	2. Il-manifatturi ta' tagħmir oriġinali ta' apparati mobbli u fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni elettronika msemmija fil-paragrafu 1 ma għandhomx ikunu prevenuti milli jieħdu miżuri strettament neċessarji u proporzjonati biex jiżguraw li l-interoperabbiltà ma tikkompromettix l-integrità tal-karatteristiċi ta' hardware u software kkonċernati mill-obbligu ta' interoperabbiltà sakemm tali miżuri jiġu ġġustifikati kif xieraq.
	3. Għall-finijiet tal-applikazzjoni ta' termini ġusti, raġonevoli u mhux diskriminatorji skont il-paragrafu1, il-manifatturi ta' tagħmir oriġinali ta' apparati mobbli u l-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni elettronika msemmija

fil-paragrafu 1 għandhom jippubblikaw kundizzjonijiet ġenerali ta' interoperabbiltà u aċċess effettivi.

Or. en

Emenda 536
Lídia Pereira

Proposta għal regolament
Artikolu 89 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) ir-rekwiżiti applikabbli, f'konformità mal-Artikolu 87, għall-ftehimiet ta' esternalizzazzjoni bejn il-fornituri ta' servizzi ta' pagament tal-pagaturi u l-fornituri ta' servizzi tekniċi dwar il-forniment u l-verifika tal-elementi ta' awtentikazzjoni qawwija tal-konsumatur mill-fornituri ta' servizzi tekniċi;	***imħassar***

Or. en

Emenda 537
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Artikolu 89 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) ir-rekwiżiti applikabbli, f'konformità mal-Artikolu 87, għall-ftehimiet ta' esternalizzazzjoni bejn il-fornituri ta' servizzi ta' pagament tal-pagaturi u l-fornituri ta' servizzi tekniċi dwar il-forniment u l-verifika tal-elementi ta' awtentikazzjoni qawwija tal-konsumatur mill-fornituri ta' servizzi tekniċi;	(d) ir-rekwiżiti applikabbli, f'konformità mal-Artikolu 87, għall-ftehimiet ta' esternalizzazzjoni bejn il-fornituri ta' servizzi ta' pagament tal-pagaturi u l-fornituri ta' servizzi tekniċi dwar il-forniment u l-verifika tal-elementi ta' awtentikazzjoni qawwija tal-konsumatur mill-fornituri ta' servizzi tekniċi***. Meta tagħmel dan, l-EBA għandha tqis il-linji gwida eżistenti tagħha dwar l-arranġamenti ta'***

esternalizzazzjoni [1a];

_____

[1a] ***EBA/GL/2019/02***

Or. en

Emenda 538
Lídia Pereira

Proposta għal regolament
Artikolu 89 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) il-kundizzjonijiet li jridu jiġu ssodisfati biex tranżazzjoni ta' pagament elettroniku mill-bogħod titqies li tippreżenta livell baxx ta' riskju;	(i) il-kundizzjonijiet li jridu jiġu ssodisfati biex tranżazzjoni ta' pagament elettroniku mill-bogħod titqies li tippreżenta livell baxx ta' riskju***, filwaqt li jitqiesu l-livelli ta' frodi f'kull attività ekonomika***;

Or. en

Emenda 539
Eugen Jurzyca

Proposta għal regolament
Artikolu 89 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) il-ħtieġa ta' bilanċ bejn ir-riskju tal-frodi u l-esperjenza tal-konsumatur fir-rigward tat-tranżazzjonijiet ta' valur baxx.

Or. en

Emenda 540
Lídia Pereira

Proposta għal regolament
Artikolu 89 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) il-ħtiġijiet ta' sitwazzjoni u speċifiċi differenti tal-konsumaturi u tal-pagaturi korporattivi.

Or. en

Emenda 541
Frances Fitzgerald

Proposta għal regolament
Artikolu 89 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) it-tip ta' utent ta' servizzi ta' pagament (konsumatur jew korporattiv).

Or. en

Emenda 542
Ondřej Kovařík

Proposta għal regolament
Artikolu 89 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) il-ħtiġijiet prattiċi differenti tal-pagaturi konsumaturi u tal-pagaturi korporattivi.

Or. en

Emenda 543
Ondřej Kovařík

Proposta għal regolament
Artikolu 89 – paragrafu 2 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-EBA, qabel ma tissottometti l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji tagħha lill-Kummissjoni, għandu jkollha konsultazzjoni miftuħa ma' partijiet ikkonċernati pubbliċi u privati sabiex jiġi żgurat li l-aktar avvanzi aġġornati fit-teknoloġija u fl-ipproċessar tal-pagamenti, kif ukoll l-ispeċifiċitajiet tat-tranżazzjonijiet bejn in-negozji u dawk bejn in-negozji u l-gvern jitqiesu fl-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji.

Or. en

Emenda 544
Gunnar Beck

Proposta għal regolament
Artikolu 91 – paragrafu 3 – subparagrafu 2 – punt a – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(ii) ***fornituri ta' servizzi tekniċi u*** operaturi ta' sistemi ta' pagament;	(ii) operaturi ta' sistemi ta' pagament;

Or. en

Emenda 545
René Repasi, Nicola Beer, Rasmus Andresen

Proposta għal regolament
Artikolu 92 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Mingħajr preġudizzju għall-każijiet koperti mil-liġi kriminali nazzjonali, il-persuni kollha li jaħdmu jew li jkunu ħadmu għall-awtoritajiet kompetenti, u kwalunkwe espert li jaġixxi f'isem l-awtoritajiet kompetenti, għandhom ikunu marbuta bl-obbligu tas-segretezza	1. Mingħajr preġudizzju għall-każijiet koperti mil-liġi kriminali ***jew tat-tassazzjoni*** nazzjonali, il-persuni kollha li jaħdmu jew li jkunu ħadmu għall-awtoritajiet kompetenti, u kwalunkwe espert li jaġixxi f'isem l-awtoritajiet kompetenti, għandhom ikunu marbuta bl-

professjonali fir-rigward tal-informazzjoni relatata mal-investigazzjonijiet imwettqa mill-awtoritajiet kompetenti.

obbligu tas-segretezza professjonali fir-rigward tal-informazzjoni relatata mal-investigazzjonijiet imwettqa mill-awtoritajiet kompetenti.

Or. en

Emenda 546
René Repasi, Rasmus Andresen, Nicola Beer

Proposta għal regolament
Artikolu 93 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-awtoritajiet minn setturi oħra kkonċernati, imsemmija fil-paragrafu 3, għandhom jikkooperaw mal-awtoritajiet kompetenti għall-infurzar effettiv tas-sanzjonijiet amministrattivi u tal-miżuri amministrattivi.	4. L-awtoritajiet minn setturi oħra kkonċernati, imsemmija fil-paragrafu 3, għandhom jikkooperaw mal-awtoritajiet kompetenti għall-infurzar effettiv tas-sanzjonijiet amministrattivi u tal-miżuri amministrattivi. ***L-Artikolu 92(1) ma għandux jipprekludi l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-awtoritajiet tat-taxxa fl-istess Stat Membru. Fejn l-informazzjoni toriġina fi Stat Membru ieħor, din għandha tiġi divulgata biss skont l-ewwel sentenza ta' dan is-subparagrafu bil-ftehim espliċitu tal-awtoritajiet kompetenti li jkunu ddivulgawha.***

Or. en

Emenda 547
Claude Gruffat

Proposta għal regolament
Artikolu 94 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom ***jagħmlu kull sforz possibbli biex*** iwieġbu, fuq karta jew, jekk ikun hemm qbil bejn il-fornitur ta' servizzi ta'	Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom iwieġbu, fuq karta jew, jekk ikun hemm qbil bejn il-fornitur ta' servizzi ta' pagament u l-utent ta' servizzi ta'

pagament u l-utent ta’ servizzi ta’ pagament, fuq mezz ieħor li jservi għal żmien twil, għall-ilmenti tal-utenti ta’ servizzi ta’ pagament. Tali tweġiba għandha tindirizza l-punti kollha mqajma, f’perjodu ta’ żmien adegwat u mhux aktar tard minn 15-il jum ta’ negozju mir-riċevuta tal-ilment. F’sitwazzjonijiet eċċezzjonali, jekk it-tweġiba ma tkunx tista’ tingħata fi żmien 15-il jum ta’ negozju għal raġunijiet li ma jkunux fil-kontroll tal-fornitur ta’ servizzi ta’ pagament, dan għandu jibgħat risposta proviżorja, li tindika b’mod ċar ir-raġunijiet għad-dewmien fit-tweġiba għall-ilment u tispeċifika l-iskadenza sa meta l-utent ta’ servizzi ta’ pagament ikun se jirċievi t-tweġiba finali. Fi kwalunkwe każ, l-iskadenza biex tiġi riċevuta t-tweġiba finali ma għandhiex taqbeż 35 jum ta’ negozju.	pagament, fuq mezz ieħor li jservi għal żmien twil, għall-ilmenti tal-utenti ta’ servizzi ta’ pagament. Tali tweġiba għandha tindirizza l-punti kollha mqajma, f’perjodu ta’ żmien adegwat u mhux aktar tard minn 15-il jum ta’ negozju mir-riċevuta tal-ilment. F’sitwazzjonijiet eċċezzjonali, jekk it-tweġiba ma tkunx tista’ tingħata fi żmien 15-il jum ta’ negozju għal raġunijiet li ma jkunux fil-kontroll tal-fornitur ta’ servizzi ta’ pagament, dan għandu jibgħat risposta proviżorja, li tindika b’mod ċar ir-raġunijiet għad-dewmien fit-tweġiba għall-ilment u tispeċifika l-iskadenza sa meta l-utent ta’ servizzi ta’ pagament ikun se jirċievi t-tweġiba finali. Fi kwalunkwe każ, l-iskadenza biex tiġi riċevuta t-tweġiba finali ma għandhiex taqbeż 35 jum ta’ negozju.
	Or. en

Emenda 548
Claude Gruffat

Proposta għal regolament
Artikolu 95 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Il-parteċipazzjoni tal-forniturі ta’ servizzi ta’ pagament fil-mekkaniżmi ta’ soluzzjoni alternattiva għat-tilwim għall-konsumaturi għandha tkun obbligatorja sakemm l-Istat Membru ma jurix lill-Kummissjoni li mekkaniżmi oħra huma ugwalment effettivi.
	Or. en

Emenda 549
Eugen Jurzyca

Proposta għal regolament
Artikolu 97 – paragrafu 2 – punt a – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) fil-każ ta' persuna ġuridika, multa amministrattiva massima ta' mill-anqas ***10 %*** tal-fatturat annwali totali tagħha kif definit fil-paragrafu 3;	(i) fil-każ ta' persuna ġuridika, multa amministrattiva massima ta' mill-anqas ***4 %*** tal-fatturat annwali totali tagħha kif definit fil-paragrafu 3;

Or. en

Emenda 550
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Artikolu 97 – paragrafu 2 – punt a – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) fil-każ ta' persuna ġuridika, multa amministrattiva massima ta' mill-anqas ***10%*** tal-fatturat annwali totali tagħha kif definit fil-paragrafu 3;	(i) fil-każ ta' persuna ġuridika, multa amministrattiva massima ta' mill-anqas ***5%*** tal-fatturat annwali totali tagħha kif definit fil-paragrafu 3;

Or. en

Emenda 551
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Artikolu 97 – paragrafu 2 – punt a – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(ii) fil-każ ta' persuna fiżika, multa amministrattiva massima ta' mill-anqas ***EUR 5 000 000***, jew fl-Istati Membri li l-munita tagħhom ma hijiex l-euro, il-valur korrispondenti fil-munita nazzjonali fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament;	(ii) fil-każ ta' persuna fiżika, multa amministrattiva massima ta' mill-anqas ***EUR 500 000***, jew fl-Istati Membri li l-munita tagħhom ma hijiex l-euro, il-valur korrispondenti fil-munita nazzjonali fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament;

Or. en

Emenda 552
Claude Gruffat

Proposta għal regolament
Artikolu 99a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 99a
	Il-konsumaturi għandu jkollhom aċċess għal rimedji proporzjonati u effettivi, inkluż kumpens għad-dannu mġarrab mill-konsumatur. Dawk ir-rimedji għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' rimedji oħra disponibbli għall-konsumaturi taħt id-dritt tal-Unjoni jew nazzjonali.
	Fil-każ ta' nuqqas mill-fornitur ta' servizzi ta' pagament li jikkonforma mar-regoli stabbiliti f'dan ir-Regolament, l-ammonti dovuti għandhom irendu imgħax bir-rata statutorja flimkien ma' ħames punti perċentwali. Jekk il-pagament ikun iżjed tard minn sebat ijiem, l-ammont dovut għandu jrendi imgħax bir-rata statutorja flimkien ma' għaxar punti perċentwali. Jekk il-pagament ikun aktar minn 30 jum tard, l-ammont dovut għandu jrendi imgħax bir-rata statutorja flimkien ma' 15-il punt perċentwali.

Or. en

Emenda 553
Claude Gruffat

Proposta għal regolament
Artikolu 104a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 104a

Intervent fuq il-prodott mill-awtoritajiet kompetenti

1. Awtorità kompetenti tista' tipprojbixxi jew tirrestringi ċertu tip jew karatteristika speċifika ta' servizz ta' pagament jew servizz ta' flus elettroniċi.

2. Awtorità kompetenti tista' tieħu l-azzjoni msemmija fil-paragrafu 1 jekk tkun issodisfata fuq raġunijiet raġonevoli li:

(a) l-azzjoni proposta tindirizza għadd sinifikanti ta' utenti ta' servizzi ta' pagament jew detenturi ta' flus elettroniċi jew theddida għall-funzjonament ordnat tas-swieq tal-pagamenti jew tal-flus elettroniċi, u l-integrità ta' dawk is-swieq jew għall-istabbiltà ta' dawn is-swieq kollha jew parti minnhom fl-Unjoni;

(b) ir-rekwiżiti regolatorji skont id-dritt tal-Unjoni li huma applikabbli għas-servizz ta' pagamenti jew għas-servizz ta' flus elettroniċi rilevanti ma jindirizzawx it-theddida;

(c) l-azzjoni hija proporzjonata filwaqt li tqis in-natura tar-riskji identifikati u l-effett probabbli tal-azzjoni fuq l-utenti ta' servizzi ta' pagament jew id-detenturi ta' flus elettroniċi li jistgħu jużaw is-servizz ta' pagament jew ta' flus elettroniċi jew jibbenefikaw minnu;

(d) l-awtorità kompetenti kkonsultat kif xieraq l-awtoritajiet kompetenti fi Stati Membri oħra li jistgħu jkunu affettwati b'mod sinifikanti mill-azzjoni;

(e) l-azzjoni ma jkollhiex effett diskriminatorju fuq servizzi jew attivitajiet ipprovduti minn Stat Membru ieħor.

3. Fejn il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-ewwel subparagrafu jkunu ssodisfati, l-awtorità kompetenti tista' timponi l-projbizzjoni jew ir-restrizzjoni msemmija fil-paragrafu 1 fuq bażi prekawzjonarja qabel ma servizz ta' pagament jew servizz ta' flus elettroniċi jkun ġie kkummerċjalizzat, distribwit jew mibjugħ

lill-klijenti.

Projbizzjoni jew restrizzjoni tista' tapplika f'ċirkostanzi jew tkun soġġetta għal eċċezzjonijiet speċifikati mill-awtorità kompetenti.

4. L-awtorità kompetenti ma għandhiex timponi projbizzjoni jew restrizzjoni skont dan l-Artikolu sakemm, sa mhux inqas minn xahar qabel ma jkun maħsub li l-miżura tidħol fis-seħħ, tkun innotifikat lill-awtoritajiet kompetenti l-oħra kollha u lill-EBA bil-miktub jew permezz ta' mezz ieħor miftiehem bejn l-awtoritajiiet dwar id-dettalji ta':

(a) is-servizz ta' pagament jew is-servizz ta' flus elettroniċi li l-azzjoni proposta hija relatata magħhom;

(b) in-natura preċiża tal-projbizzjoni jew tar-restrizzjoni proposta u meta huwa maħsub li tidħol fis-seħħ; kif ukoll

(c) l-evidenza li fuqha bbażat id-deċiżjoni tagħha u li permezz tagħha hija sodisfatta li ġew issodisfati kull waħda mill-kundizzjonijiet fil-paragrafu 2.

5. F'każijiet eċċezzjonali fejn l-awtorità kompetenti tqis li jkun meħtieġ li tittieħed azzjoni urġenti skont dan l-Artikolu sabiex jiġi prevenut detriment li jirriżulta mis-servizz ta' pagament jew mis-servizz ta' flus elettroniċi msemmija fil-paragrafu 1, l-awtorità kompetenti tista' tieħu azzjoni fuq bażi proviżorja b'avviż bil-miktub ta' mhux inqas minn 24 siegħa, qabel ma l-miżura tkun maħsuba li tidħol fis-seħħ, lill-awtoritajiet kompetenti l-oħra kollha u lill-EBA, sakemm il-kriterji kollha f'dan l-Artikolu jiġu ssodisfati u, barra minn hekk, jiġi stabbilit b'mod ċar li perjodu ta' notifika ta' xahar ma jindirizzax b'mod xieraq it-tħassib jew it-theddida speċifiċi. L-awtorità kompetenti ma għandhiex tieħu azzjoni fuq bażi proviżorja għal perjodu ta' iżjed minn tliet xhur.

6. L-awtorità kompetenti għandha tippubblika fuq is-sit web tagħha avviż

dwar kwalunkwe deċiżjoni li tiġi imposta kwalunkwe projbizzjoni jew restrizzjoni msemmija fil-paragrafu 1. L-avviż għandu jispeċifika dettalji tal-projbizzjoni jew tar-restrizzjoni, ħin wara l-pubblikazzjoni tal-avviż li minnu l-miżuri se jidħlu fis-seħħ u l-evidenza li fuqha tkun issodisfata li kull waħda mill-kundizzjonijiet fil-paragrafu 2 ġiet issodisfata. Il-projbizzjoni jew ir-restrizzjoni għandha tapplika biss b'rabta mal-azzjonijiet meħudin wara l-pubblikazzjoni tal-avviż.

7. L-awtorità kompetenti għandha tirrevoka projbizzjoni jew restrizzjoni jekk il-kundizzjonijiet fil-paragrafu 2 ma jibqgħux japplikaw.

8. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati skont l-Artikolu 50 li jispeċifikaw il-kriterji u l-fatturi li jridu jitqiesu mill-awtoritajiet kompetenti meta jiddeterminaw meta jkun hemm theddida għall-funzjonament tajjeb u l-integrità tas-swieq ta' pagament u ta' flus elettroniċi għall-finijiet tal-paragrafu 2, l-ewwel subparagrafu, punt (a). Dawk il-kriterji u l-fatturi għandhom jinkludu:

(a) il-grad ta' kumplessità ta' servizz ta' pagament jew ta' flus elettroniċi u r-rabta mat-tip ta' utent li jiġi kummerċjalizzat, distribwit jew mibjugħ lilu;

(b) il-grad ta' innovazzjoni ta' servizz jew strument ta' pagament jew ta' servizz ta' flus elettroniċi.

Or. en

Emenda 554
Marek Belka, Paul Tang, René Repasi

Proposta għal regolament
Artikolu 105 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 106 biex temenda dan ir-Regolament billi taġġorna l-ammonti msemmija fl-Artikolu ***58(1)***.	Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 106 biex temenda dan ir-Regolament billi taġġorna l-ammonti msemmija fl-Artikolu ***60(1)***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-referenza ta' hawnhekk għall-Artikolu 58 hija qarrieqa u ftit tagħmel sens. Għandha tirreferi għall-Artikolu 60(1).

Emenda 555
Frances Fitzgerald

Proposta għal regolament
Artikolu 107 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri jew il-fornituri ta' servizzi ta' pagament jistgħu jagħtu lill-utenti ta' servizzi ta' pagament drittijiet ta' rimborż aktar favorevoli fir-rigward ta' trasferimenti ta' kreditu awtorizzati kif imsemmi fl-Artikoli 57 u 59 u jipprevedu miżuri aktar stretti għall-prevenzjoni tal-frodi li jmorru lil hinn minn dawk stabbiliti fl-Artikolu 83(1) u fl-Artikolu 84.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din it-taqsima tippromwovi aktar frammentazzjoni fix-xenarju tal-pagamenti tal-UE, u b'hekk timmina l-objettivi tar-regolament f'dan il-qasam.

Emenda 556
Eugen Jurzyca

Proposta għal regolament
Artikolu 108 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni għandha, sa ***5*** snin wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, tippreżenta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-BĊE u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, rapport dwar l-applikazzjoni u l-impatt ta' dan ir-Regolament, u b'mod partikolari dwar:	Il-Kummissjoni għandha, sa ***7*** snin wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, tippreżenta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-BĊE u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, rapport dwar l-applikazzjoni u l-impatt ta' dan ir-Regolament, u b'mod partikolari dwar:

Or. en

Emenda 557
Eugen Jurzyca

Proposta għal regolament
Artikolu 108 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) l-għadd u l-ammont ta' penali amministrattivi u miżuri amministrattivi imposti skont dan ir-Regolament jew b'rabta miegħu, ikkategorizzati skont l-Istat Membru;

Or. en

Emenda 558
Eugen Jurzyca

Proposta għal regolament
Artikolu 108 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt db (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(db) il-kwalità tal-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u l-EBA;

Or. en

Emenda 559
Eugen Jurzyca

Proposta għal regolament
Artikolu 108 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt dc (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(dc) il-kostijiet ta' konformità ma' dan ir-Regolament għal forniturі ta' servizzi ta' pagament u forniturі ta' servizzi tekniċi bħala persentaġġ tal-kostijiet operazzjonali;

Or. en

Emenda 560
Eugen Jurzyca

Proposta għal regolament
Artikolu 108 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt dd (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(dd) it-tipi u x-xejriet ta' mġiba frodulenti, u l-istimi u l-proporzjonijiet tad-dannu finanzjarju li dik l-imġiba tirrappreżenta fis-suq, ikkwantifikati skont l-Istati Membri;

Or. en

Emenda 561
Lídia Pereira

Proposta għal regolament
Artikolu 108 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-Kummissjoni għandha, sa [OP jekk jogħġbok daħħal id-data= ***3*** snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-	2. Il-Kummissjoni għandha, sa [OP jekk jogħġbok daħħal id-data= ***5*** snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-

Regolament] tissottometti lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-BĊE u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, rapport dwar il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari fir-rigward tas-sistemi ta' pagament, l-iskemi ta' pagament u l-forniturі ta' servizzi tekniċi. Fejn ikun xieraq, il-Kummissjoni għandha tissottometti proposta leġiżlattiva flimkien ma' dak ir-rapport.	Regolament] tissottometti lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-BĊE u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, rapport dwar il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari fir-rigward tas-sistemi ta' pagament, l-iskemi ta' pagament u l-forniturі ta' servizzi tekniċi. Fejn ikun xieraq, il-Kummissjoni għandha tissottometti proposta leġiżlattiva flimkien ma' dak ir-rapport.

Or. en

Emenda 562
Eugen Jurzyca

Proposta għal regolament
Artikolu 112 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Huwa għandu japplika minn [OP jekk jogħġbok daħħal id-data= ***18-il*** xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].	Huwa għandu japplika minn [OP jekk jogħġbok daħħal id-data= ***36*** xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Or. en

Emenda 563
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Artikolu 112 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Huwa għandu japplika minn [OP jekk jogħġbok daħħal id-data= ***18-il*** xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].	Huwa għandu japplika minn [OP jekk jogħġbok daħħal id-data= ***24*** xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Or. en

Emenda 564
Lídia Pereira

Proposta għal regolament
Artikolu 112 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Huwa għandu japplika minn [OP jekk jogħġbok daħħal id-data= ***18-il*** xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].	Huwa għandu japplika minn [OP jekk jogħġbok daħħal id-data= ***24*** xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Or. en

Emenda 565
Lídia Pereira

Proposta għal regolament
Artikolu 112 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Madankollu, l-Artikoli 50 u 57 għandhom japplikaw minn [OP jekk jogħġbok daħħal id-data= 24 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].	***imħassar***

Or. en

Emenda 566
Eugen Jurzyca

Proposta għal regolament
Artikolu 112 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Madankollu, l-Artikoli 50 u 57 għandhom japplikaw minn [OP jekk jogħġbok daħħal id-data= ***24*** xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].	Madankollu, l-Artikoli 50 u 57 għandhom japplikaw minn [OP jekk jogħġbok daħħal id-data= ***36*** xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Or. en

Emenda 567
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Artikolu 112 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Madankollu, l-Artikoli 50 u 57 għandhom japplikaw minn [OP jekk jogħġbok daħħal id-data= ***24*** xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].	Madankollu, l-Artikoli 50 u 57 għandhom japplikaw minn [OP jekk jogħġbok daħħal id-data= ***30*** xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Or. en

Emenda 568
Eugen Jurzyca

Proposta għal regolament
Anness II – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Ħruġ ta' flus elettroniċi***, manutenzjoni ta' kontijiet ta' pagament li jaħżnu unitajiet ta' flus elettroniċi u trasferiment ta' unitajiet ta' flus elettroniċi***.	Ħruġ ta' flus elettroniċi.

Or. en

Emenda 569
Gunnar Beck

Proposta għal regolament
Anness II – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Ħruġ ta' flus elettroniċi***, manutenzjoni ta' kontijiet ta' pagament li jaħżnu unitajiet ta' flus elettroniċi u trasferiment ta' unitajiet ta' flus elettroniċi***.	Ħruġ ta' flus elettroniċi.

Or. en